



2015-044

# Rapport ta' Attività Annwali tal-eu-LISA

2014

# WERREJ

<b>1. Introduzzjoni</b> .....	<b>3</b>
1.1. Sommarju Eżekuttiv.....	3
1.2. Min aħna u x'nagħmlu .....	4
1.3. Missjoni, viżjoni u valuri.....	5
<b>2. Attivitajiet tal-eu-LISA fl-2014</b> .....	<b>7</b>
2.1. In-nies.....	7
2.2. Sistemi u Netwerks .....	8
2.2.1. Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)/ Sistema ta' Tqabbil Bijometriku (BMS).....	8
2.2.1.1. VIS MAIL: .....	9
2.2.2. SIS II .....	9
2.2.3. Eurodac.....	9
2.2.4. Netwerk tal-Komunikazzjoni .....	10
2.2.5. Kompiti Addizzjonali .....	10
2.2.5.1. "Fruntieri Intelliġenti" .....	10
2.3. Governanza .....	11
2.3.1. Bord tat-Tmexxija .....	12
2.3.2. Gruppi Konsultattivi .....	12
2.4. Baġit.....	13
2.5. Ġestjoni Finanzjarja u Akkwist .....	14
2.6. Partijiet Interessati u Sħubiji:.....	14
2.7. Bini .....	16
2.7.1. Talinn, l-Estonja .....	16
2.7.2. Strasburgu, Franza .....	16
2.7.3. Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija .....	16
Annex A: Attività u Prestazzjoni fl-2014.....	17
Annex B: Implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontroll Intern fl-2014.....	39
Annex C: Ġestjoni tar-Riskju fl-2014.....	44
Annex D: Rapportar ta' Eċċezzjoni tal-2014.....	47
Annex E: Prestazzjoni Finanzjarja .....	49
Annex F: Valutazzjoni Komparattiva tar-Riżorsi Umani.....	50
Annex G: Strutturi tal-Assigurazzjoni .....	54
Annex H: Dikjarazzjoni ta' Aċċertament.....	57

# 1. Introduzzjoni

Kif deskritt mill-Artikolu 12(k) tar-regolament bażiku għall-Aġenzija, irid jiġi sottomess rapport ta' attività annwali għas-sena ta' qabel mid-Direttur Eżekuttiv lill-Bord tat-Tmexxija u jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija (MB) sal-31 ta' Marzu ta' kull sena. Għaldaqstant dan ir-Rapport ta' Attività Annwali (AAR) għall-2014 ġie ppreparat skont l-Artikolu 66 (g) tar-Regolament Finanzjarju Qafas u l-Artikolu 47 tar-Regolament Finanzjarju tal-eu-LISA li jiddikjara:

*"L-uffiċjal awtorizzanti b'delega għandu jirrapporta lill-istituzzjoni tiegħu dwar it-tweqqif tad-dmirijiet tiegħu fil-forma ta' rapport tal-attività annwali, li fih informazzjoni finanzjarja u tal-ġestjoni, inklużi r-riżultati tal-kontrolli, u li jiddikjara li, minbarra kif speċifikat mod ieħor fi kwalunkwe riżerva marbuta ma' oqsma definiti ta' dħul u nfiq, għandu assigurazzjoni raġonevoli li:*

- (a) l-informazzjoni li hemm fir-rapport tippreżenta stampa vera u ġusta;
- (b) ir-riżorsi assenjati lill-attivitajiet deskritti fir-rapport intużaw għall-finijiet intenzjonati tagħhom u f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba;
- (c) il-proċeduri ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-garanziji neċessarji fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

*Ir-rapport ta' attività għandu jindika r-riżultati tal-operazzjonijiet b'referenza għall-oġettivi stabbiliti, ir-riskji assoċjati ma' dawn l-operazzjonijiet, l-użu li jkun sar mir-riżorsi provduti u l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi ta' kontroll intern, inkluża valutazzjoni ġenerali tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli.*

*Mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sommarju tar-rapporti annwali ta' attività għas-sena preċedenti. Ir-rapport annwali ta' attività tal-uffiċjal awtorizzanti b'delega għandhom jitqiegħdu wkoll għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill."*

Għaldaqstant, dan l-AAR għandu diversi skopijiet. Huwa jfittex li jagħti evidenza tal-progress lejn il-ksib tal-oġettivi ewlenin tal-Aġenzija kif definit fil-programm ta' ħidma annwali, filwaqt li jqis ir-riżorsi użati matul il-perjodu ta' rapportar. Jfittex ukoll li jiddeskrivi s-sistemi ta' ġestjoni u ta' sorveljanza stabbiliti fl-Aġenzija, inkluż li jiddefinixxi l-progress lejn l-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontroll Intern tal-Kummissjoni Ewropea.

Fl-aħħar, l-AAR jinkludi wkoll dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni fejn id-Direttur Eżekuttiv, bir-rwol tiegħu bħala uffiċjal tal-awtorizzazzjoni, jipprovi assigurazzjonijiet fir-rigward tal-perspettiva vera u ġusta tar-rapport u li jappartjenu għal-legalità u r-regolarità u l-ġestjoni finanzjarja tajba tat-tranżazzjonijiet finanzjarji taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

## 1.1. Sommarju Eżekuttiv

Dan ir-rapport fih ħarsa ġenerali tal-attivitajiet li twettqu mill-Aġenzija matul l-2014.

Fl-2014 l-Aġenzija kompliet tistabbilixxi lilha nnifisha bħala entità operattiva indipendenti u kredibbli fil-qasam tal-ĠAI u b'suċċess ikkonsolidat u żviluppat is-servizz ewleni tagħha li toffri lill-partijiet interessati b'sistemi mmexxija disponibbli matul il-perjodu ta' rapportar mingħajr kwalunkwe degradazzjoni fis-servizz jew id-disponibbiltà. Dan il-ksib konsiderevoli twettaq minkejja xenarju ta' sfidi ta' volumi ta' xogħol li qed jiżdiedu fl-oqsma kollha ta' operazzjoni u r-restrizzjonijiet sinifikanti ta' riżorsi.

Flimkien mal-kompiti ewlenin tal-Aġenzija u l-iskedi ta' manutenzjoni korrettivi, evoluttivi u ppjanati għas-sistemi kollha, eu-LISA wettqet b'suċċess ukoll numru ta' proġetti kritiċi għan-negozju addizzjonali ta' skala u kumplessità sinifikanti bl-istess impronta ta' riżorsi disponibbli. Ta' min isemmi li fl-2014 kien hemm it-tlestija tar-rilokazzjoni b'suċċess tas-sistema Eurodac, it-tweqqif b'suċċess ta' evoluzzjonijiet sinifikanti mhux ipplanati biex tiżied il-kapaċità tas-sistema VIS/BMS, il-preparazzjoni kontinwa għall-migrazzjoni min-netwerk sTESTA għan-netwerk TESTA-ng u l-preparazzjoni kontinwa għall-bidliet tas-sistema bħala riżultat

tar-regolament Eurodac imfassal mill-ġdid.

L-ippjanar strateġiku u l-oqfsa ta' governanza ġew imtejba ħafna matul is-sena. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija adotta l-istrateġija fuq perjodu twil tal-eu-LISA (2014-2020) u fassal programm ta' ħidma pluriennali (u skedat li jiġi adottat f'Marzu 2015). L-Aġenzija għamlet ukoll progress ulterjuri fl-implimentazzjoni tal-oqfsa ta' governanza u ta' kontroll intern tagħha permezz tal-iżvilupp u l-irfinar ta' strutturi u proċessi rilevanti f'oqfsa bħall-governanza tal-impriżi, il-ġestjoni tas-servizz u l-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontroll Intern tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-figuri preliminari għall-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għall-2014 huma bl-istess mod inkoraġġanti. Huma juru titjib sinifikanti fir-rati ta' utilizzazzjoni kemm għall-appropriazzjonijiet ta' pagament u ta' impenn għall-perjodu ta' rapportar preċedenti, li jixhed l-iżvilupp rapidu u r-robustezza tal-proċessi ta' ġestjoni baġitarji u finanzjarji tal-Aġenzija.

## 1.2. Min aħna u x'nagħmlu

Aħna l-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-oqfsa tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (eu-LISA)<sup>1</sup>. Aħna responsabbli għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-oqfsa tal-ġustizzja u l-affarijiet interni taħt it-Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari s-sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u s-sistema tal-Eurodac. Is-sede tal-Aġenzija hija bbażata f'Talinn, l-Estonja filwaqt li l-ċentru operattiv tagħha jinsab fi Strasburgu, Franza. Hemm ukoll sit ta' kontinwità tan-negozju għas-sistemi amministrati bbażat f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija. Fl-aħħar ta' Diċembru 2014, in-numru ta' persunal impjegat mal-Aġenzija kien ta' 130.

Fiż-żmien li kien qed jinkiteb dan ir-rapport (Jannar 2015), l-Aġenzija ngħatat il-mandat li tipprovdi ġestjoni operattiva tas-SIS II (l-akbar sistema ta' informazzjoni għas-sigurtà pubblika u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fl-Ewropa), il-VIS (sistema li tippermetti lill-Istati ta' Schengen jiskambjaw dejta dwar il-viżi relatata mal-applikazzjonijiet għal viżi għal perjodu qasir għal żjarat fiż-żona Schengen jew għal tranżitu minn ġo fiha) u l-Eurodac (database tal-marki tas-swaba' fuq skala kbira li tassisti primarjament fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil). Din tmexxi dawn is-sistemi f'isem il-partijiet interessati tagħha - l-Istati Membri Ewropej u l-istituzzjonijiet Ewropej rilevanti. Barra minn hekk, l-Aġenzija hija wkoll responsabbli għall-għodod ta' komunikazzjoni (il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għall-ġestjoni tal-kuntratt għall-għoti tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS II, il-Eurodac u l-VIS (in-netwerk sTESTA - li għandu jiġi emigrat għal netwerk ġdid, TESTA-ng, fl-2015) u hija responsabbli għall-kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwist u t-tiġdid u kwistjonijiet kuntrattwali oħra) u għal ċerti kompiti li jirrigwardaw in-netwerk li jappoġġja s-sistemi t'hawn fuq (il-ġestjoni operattiva tan-netwerk u s-supervizzjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur.)

Prodotti u servizzi addizzjonali li tipprovdi l-Aġenzija jinkludu:

- parteċipazzjoni attiva fi proċessi ta' tfejjija għad-disinn, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda, inkluż it-twettiq ta' proġetti pilota;
- taħriġ: provvediment ta' pjanijiet ta' taħriġ dwar is-sistema magħmula apposta għall-awtoritajiet nazzjonali dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija;
- rapportar u statistika: provvediment fil-ħin u preċiż ta' statistika u informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-sistemi kif previst fil-bażijiet legali rilevanti u l-issodisfar tal-obbligi ta' rapportar

<sup>1</sup> L-Aġenzija ġiet stabbilita permezz tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 286, 01.11.2011, p.1) li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2011. Ir-Regolament ippreveda li l-Aġenzija tiegħu f'idejha r-responsabbiltajiet ewlenin tagħha mill-1 ta' Diċembru 2012.

kollha stipulati fir-Regolament Bażiku u l-bażijiet legali għas-sistemi tal-IT taħt il-ġestjoni tal-Aġenzija.

Biex tissodisfa l-mandat tagħha, l-Aġenzija trid iżżomm is-sistemi tal-IT kollha taħt ir-responsabbiltà tagħha jiffunzjonaw 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa, biex tippermetti skambju tad-dejta kontinwu u mingħajr interruzzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali li jużawhom. L-eu-LISA tkompli tiżgura li applika l-ogħla livelli ta' sigurtà tal-informazzjoni u protezzjoni tad-dejta għall-informazzjoni fdata lilha, filwaqt li tiżgura li l-informazzjoni personali tiġi ttrattata b'mod ġust, skont il-liġi, b'mod korrett u f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni u r-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-dejta rilevanti fis-seħħ.

### 1.3. Missjoni, viżjoni u valuri

Filwaqt li tirrifletti l-mandat tagħha, il-missjoni ewlenija tal-Aġenzija hija *li timpenja ruħha biex kontinwament iżżid il-valur għall-Istati Membri, filwaqt li tappoġġja permezz tat-teknoloġija l-isforzi tagħhom għal Ewropa aktar sikura*. L-applikazzjoni tal-missjoni msemmija hawn fuq tal-Aġenzija ser tippermetti li din tikseb il-viżjoni ġenerali tagħha, li hija:

- *li tipprovdi servizzi u soluzzjonijiet effiċjenti ta' kwalità għolja;*
- *li tibni fiduċja fost il-partijiet interessati kollha u tallinja kontinwament il-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li jevolvu tal-Istati Membri;*
- *li tikber bħala ċentru ta' eċċellenza.*

L-Aġenzija tagħmel sforzi biex tikkontribwixxi għas-suċċess tal-politiki Ewropej fl-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja u biex tiffaċilita u tappoġġja b'mod proattiv kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni effettivi bejn il-korpi li jinfurzaw il-liġi tal-UE rilevanti.

Is-suċċess kontinwu tal-Aġenzija huwa bbażat fuq il-valuri ewlenin tagħha li jmxexxu l-attivitajiet operattivi u l-iżvilupp strateġiku tal-organizzazzjoni. Dawn il-valuri huma:

- **obbligu ta' rendikont:** l-iżvilupp u l-iskjerament ta' oqfsa ta' governanza tajba, operazzjonijiet kosteffiċjenti u ġestjoni finanzjarja tajba;
- **trasparenza:** il-provvediment ta' komunikazzjoni regolari u miftuħa lill-partijiet interessati ewlenin tal-Aġenzija u timpenjahom fi djalogu kontinwu għar-reviżjoni u l-evoluzzjoni tal-istrateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija;
- **eċċellenza:** permezz tal-istruttura organizzazzjonali t-tajba, in-nies t-tajba u l-proċessi t-tajba implimentati biex jiżguraw kontinwità tas-servizz u komprensività funzjonali tal-għodod ipprovduti lill-Istati Membri;
- **kontinwità:** l-iżgurar li l-Aġenzija se tagħmel l-aqwa użu tal-kompetenzi, l-għarfien u l-investimenti magħmula mill-Istati Membri u tkompli tiżviluppahom;
- **xogħol f'tim:** l-għoti tas-setgħa lil kull membru individwali ta' tim biex jagħmel l-aħjar użu tal-għarfien u l-esperjenzi tiegħu, li jikkontribwixxi għas-suċċess komuni;
- **fokus fuq il-konsumatur:** l-iżgurar li l-Aġenzija tkun allinjata fi kwalunkwe ħin mal-ħtiġijiet u d-domanda tal-partijiet interessati tagħha.

Dawn il-valuri huma riflessi fil-Prinċipji ta' implimentazzjoni ta' gwida għax-xogħol tal-Aġenzija li tirrikonoxxi li ġej:

- in-nies bħala l-akbar assi tal-Aġenzija u tfittex b'mod kostanti li tattira, iżżomm u tiżviluppa lill-professionisti bi kwalifiki għoljin, li jaqsmu l-valuri tal-Aġenzija u li huma mmotivati u impenjati li jiksibu l-missjoni u l-oġettivi tagħha;
- l-Aġenzija tibni s-suċċess tagħha permezz ta' sħubiji effettivi u miftuħa mal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, li jikkontribwixxi għall-ilfuq ta' għanijiet komuni;
- l-Aġenzija tibni u iżżomm il-kredibbiltà mas-sħab tagħha fl-UE permezz tas-suċċess u l-kapaċitajiet professjonali tat-timijiet tagħha;

- L-Aġenzija se tagħmel sforz biex tippromwovi eċċellenza operattiva billi tipprovdi servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja lill-Istati Membri li jkunu allinjati mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tagħhom. L-ogħla standards ta' protezzjoni tad-dejta u s-sigurtà ser jiddaħħlu fl-operazzjonijiet kollha tal-Aġenzija;
- L-Aġenzija se tapplika prinċipji ta' governanza tajba u kosteffettività fit-twettiq tal-operazzjonijiet tan-negozju tagħha. Barra minn hekk, l-Aġenzija se tiżgura konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet ta' sigurtà dwar il-protezzjoni tad-dejta applikabbli għas-sistemi amministrati minnha.

## 2. Attivitàjiet tal-eu-LISA fl-2014

### 2.1. In-nies


L-Aġenzija tkompli temmen li n-nies huma fundamentali għas-suċċess tagħna u matul l-2014 komplejna niżviluppaw il-persunal tagħna biex niżguraw li għandhom il-ħiliet u l-esperjenzi adattati biex jagħtu servizz eċċellenti lill-partijiet interessati kollha. Abbażi tal-valuri, l-oġettivi u l-fattori tal-bidla korporattivi tal-Aġenzija identifikati fl-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija<sup>2</sup>, l-2014 rat lill-Aġenzija tfittex biex tiddefinixxi u tirtirfa ulterjorment il-fokus tal-isforzi tagħha biex iżomm, tiżviluppa u timmotiva l-forza tax-xogħol tal-Aġenzija u biex itejjeb ulterjorment id-djalogu u r-relazzjonijiet bejn il-persunal u l-maniġment.

Wara li nkisbet il-mira meħtieġa għall-pjan ta' stabbiliment tan-numru tal-persunal fl-aħħar tal-2013, l-inizjattivi ewlenin tal-HR fl-2014 inbiddu minn reklutaġġ lejn fokus fuq iż-żamma u l-iżvilupp tal-persunal. Tpoġġiet enfasi partikolari fuq l-iżvilupp tal-oqfsa meħtieġa għat-taħriġ tal-persunal u l-iżvilupp sħiħ ta' sistema ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni fl-Aġenzija abbażi tar-regola ta' implimentazzjoni rilevanti adottata b'analoġija mill-mudell tal-Kummissjoni mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija fil-15 ta' Mejju 2014.

Sabiex ikun hemm aktar trasparenza fix-xogħol tal-Aġenzija u biex jitwessa' d-djalogu bejn il-maniġment u l-persunal, fil-ħarifa tal-2014 saru elezzjonijiet biex jiġu appuntati l-membri tal-Kumitat tal-Persunal tal-eu-LISA.

Fl-aħħar tal-2014, l-eu-LISA kellha 130 membru tal-persunal full-time (il-profil tal-persunal attwali tal-Aġenzija huwa 119 Aġent Temporanju, 6 Aġenti Kuntrattwali, 5 Esperti Nazzjonali Sekondati (flimkien ma' 4 Interims)) li minnhom 30 % kienu nisa u 70 % irġiel. Flimkien il-persunal irrappreżenta 22 nazzjonalità. Kien hemm 48 persunal full-time bbażati f'Talinn u 82 persunal fi Strasburgu. Id-dawran tat-tluq tal-persunal kien ta' madwar 5 % peress li 6 impjegati full-time telqu mill-organizzazzjoni fl-2014.

Figura 1: Il-persunal tal-Aġenzija (Skont in-Nazzjonalità) fl-2014:



<sup>2</sup> Id-dokument ta' strateġija fit-tul 2014-2020 tal-Aġenzija ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija fil-laqgħa tiegħu f'Marzu 2014.

Distribution of nationalities at eu-LISA in comparison to EU average distribution in 2014	Id-distribuzzjoni tan-nazzjonalitajiet fl-eu-LISA meta komparat mad-distribuzzjoni medja tal-UE fl-2014
Percentage at eu-Lisa	Il-perċentwali fl-eu-LISA
EU average in 2014	Il-medja tal-UE fl-2014

## 2.2. Sistemi u Networks

Fl-2014 il-persunal tal-eu-LISA ħadmu bis-sħiħ biex jiżguraw l-istabilità u l-kontinwità tas-sistemi li tamministra hi. L-Aġenzija wkoll kompliet timplimenta proċeduri operattivi u proċessi ta' ġestjoni ta' servizz robusti biex tipprovdi għall-monitoraġġ effettiv tas-sistema u r-risoluzzjoni tal-inċidenti fil-ħin. Bħala riżultat, il-ġestjoni operattiva 24/7 ta' suċċess tas-sistemi kollha kompliet fl-2014 mingħajr ma ġew irrapportati inċidenti kbar. L-attivitajiet li jikkonċernaw il-ġestjoni effettiva ta' bdil u l-applikazzjoni tal-evoluzzjonijiet miftiehma tas-sistema wkoll għamlu progress (matul l-2014 l-eu-LISA lestiet it-twaqqif ta' proċess tal-ġestjoni tal-bidla mal-istabbiliment ta' Bord tat-Tmexxija (MB) tal-Bidla), bis-sistemi kollha jipprovdu b'suċċess attività evoluzzjonarja skedata u l-ipproċessar ta' numru sinifikanti ta' talbiet ta' bdil skedati u mhux skedati (mill-ħolqien tal-Bord tat-Tmexxija tal-Bidla ġew ipproċessati 120 talba ta' bdil minn Stati Membri għas-sistemi kollha u saru 29 webinar biex jiġi diskuss dan il-bdil (li saru bejn l-eu-LISA u l-Istati Membri). Internament, ġew ipproċessati aktar minn 600 bidla teknika minn meta ġie stabbilit il-proċess tal-MB). Biex l-evoluzzjoni tas-sistema tiġi appoġġjata u mwettqa ulterjorment, fl-2014 ġie ddisinjat u adottat proċess imfassal ta' ġestjoni tal-proġett ibbażat fuq PRINCE2.

L-Aġenzija kompliet ukoll timpenja ruħha b'mod proattiv mal-partijiet interessati kollha fuq il-prestazzjoni u l-livelli ta' servizz tagħha fl-2014 bi preżentazzjonijiet li saru lill-Gruppi kollha ta' Konsulenza fuq bażi trimestrali dwar il-prestazzjoni tas-sistemi rispettivi tagħhom. Id-dettalji tal-iżviluppi ewlenin speċifiċi għas-sistema huma deskritti hawn taħt.

### 2.2.1. Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)/ Sistema ta' Tqabbil Bijometriku (BMS)

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-Aġenzija kompliet twettaq il-kompiti meħtieġa li ppermettew il-funzjonament tas-sistema ċentrali VIS skont il-bażi legali tagħha.

Barra minn hekk, fl-2014, biex tiżgura operazzjoni bla xkiel u mingħajr interruzzjoni tal-VIS/BMS, l-eu-LISA wettqet ammont sinifikanti ta' xogħol ta' manutenzjoni korrettiv u adattiv matul il-perjodu kollu ta' rapportar. Parti kbira mill-programm ta' manutenzjoni involva żieda fil-kapaċità tal-VIS u li jsir titjib funzjonali sostantivi biex jippermetti għaż-żieda ta' volumi bħala riżultat tat-tnedija globali kontinwa tas-sistema. Għaldaqstant, il-fokus ewleni tal-evoluzzjoni teknika tal-VIS matul l-2014 kien li tkun żgurata l-kapaċità kontinwa tas-sistema biex tkun appoġġjata l-bqija tal-iskeda ta' tnedija miftiehma u ż-żieda fl-użu sussegwenti. Sabiex isir dan, il-kapaċità tal-VIS żdiedet b'suċċess għal 120k tranżazzjoni fis-siegħa f'April 2014 (it-tieni aġġornament tal-kapaċità huwa ppjanat fl-2015 bl-għan li tiżdied ulterjorment il-kapaċità tas-sistema għal 450k tranżazzjoni fis-siegħa biex tlaħħaq maż-żieda fid-domanda).

Lil hinn mill-attivitajiet evoluzzjonarji ppjanati, l-Aġenzija nediet ukoll proġett biex iżżid il-kapaċità tal-BMS wara s-sejbiet tar-rapport tat-task force dwar il-ħtiġijiet tekniċi u kummerċjali u l-evoluzzjoni possibbli tal-BMS<sup>3</sup>. Sabiex jiġu indirizzati r-riskji, l-eu-LISA kompliet taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u mal-kuntrattur

<sup>3</sup> Lejn l-aħħar tal-2013 ġie identifikat riskju li l-kapaċità tas-Sistema ta' Tqabbil Bijometriku (BMS) tista' ma tkunx suffiċjenti biex tappoġġja l-attività tan-negozju ta' sistema VIS li evolviet bis-sħiħ u li din jista' jkollha impatt fuq il-bqija tat-tnedijiet tal-VIS. F'Marzu tal-2014, il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija ġie ppreżentat bi pjan ta' azzjoni biex jindirizza dan ir-riskju b'għadd ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni deskritti



tal-MWO matul l-2014 sabiex jiġu stabbiliti xenarji fattibbli biex tiġi aġġornata l-BMS u jiġu determinati l-implikazzjonijiet kuntrattwali u baġitarji tal-evoluzzjoni meħtieġa<sup>4</sup> biex iż-żidiet meħtieġa tal-kapaċità jitwettqu mingħajr ma tiġi pperikolata l-bqija tal-iskeda ta' tnedija tal-VIS.

#### 2.2.1.1. VIS MAIL:

It-testijiet ta' integrazzjoni għall-Istati Membri komplew matul il-perjodu kollu ta' rapportar. Din hija parti minn programm ta' xogħol kontinwu biex tfejji għas-sostituzzjoni ta' VISION minn VIS Mail bħala l-uniku netwerk ta' komunikazzjoni għall-iskambju ta' messaġġi wara t-tnedija sħiħa ta' VIS fl-2015. Wara t-talba mill-Presidenza u l-Kunsill, ġew imfassla wkoll linji gwida ta' tranżizzjoni minn VISION għal VIS Mail biex jassistu ulterjorment l-Istati Membri fit-tranżizzjoni bla xkiel għal VIS Mail. Saru wkoll numru ta' konferenzi web biex jassistu lill-Istati Membri.

#### 2.2.2. SIS II

SIS II ġiet operata b'suċċess fil-parametri deskritti fil-bażi legali tagħha matul l-2014.

Ġie ppreparat pjan direzzjonali dettaljat dwar l-evoluzzjoni tas-sistema (kif kien il-każ għas-sistemi l-oħra amministrati mill-Aġenzija) u regolarment saru rapporti ta' progress għall-Grupp ta' Konsulenza tas-SIS II. Il-prijoritajiet evoluttivi deskritti għas-SIS II matul l-2014 iffokaw primarjament fuq l-iżvilupp tal-funzjonalità tar-rapportar statistiku tagħha, l-integrazzjoni teknika kontinwa tar-Renju Unit u tal-Europol u t-tranżizzjoni b'suċċess għall-kuntrattur il-ġdid għall-kuntratt taż-żamma f'kundizzjoni li taħdem (MWO).

Din tal-aħħar inkisbet fit-tielet trimestru tal-2014 b'Atos jieħu r-responsabbiltà tal-kuntratt qafas u jipprovdi appoġġ mill-1 ta' Awwissu wara perjodu ta' tranżizzjoni fuq numru ta' xhur mal-kuntrattur preċedenti.

Europol ġiet integrata b'suċċess fis-SIS II u l-preparazzjonijiet tekniċi u l-ittestjar tar-Renju Unit tlestew fil-ħin f'Ottubru 2014. Wara deċiżjoni tal-Kunsill, ir-Renju Unit se jiġi integrat fis-SIS II mit-13 ta' April 2015. Matul l-2014 l-eu-LISA kompliet ukoll tappoġġja lill-Istati Membri waqt il-kampanji tal-ittestjar meħtieġa biex tkun żgurata l-funzjonalità mill-bidu sal-aħħar bejn is-sistemi ċentrali u nazzjonali.

Waqt il-perjodu ta' rapportar sar ukoll titjib fir-rapporti ta' statistika tas-sistema disponibbli, bir-rapporti bbażati fuq ir-rekwiżiti tal-Istati Membri ttestjati, implimentati u disponibbli għall-partijiet interessati waqt il-perjodu ta' rapportar. Pereżempju, bħala riżultat tal-grupp ta' ħidma dwar l-istatistika li ġie inkarigat bl-iżgurar ta' rispons aħjar għall-bżonnijiet tal-partijiet interessati, għadd ta' rapporti mtejbja dwar id-dejta tas-SIS II ġew ipprovduti lill-Istati Membri minn Awwissu 2014 'il quddiem.

Attivitajiet ta-ġestjoni tal-bidla oħra għas-SIS II komplew ukoll matul is-sena b'kooperazzjoni kontinwa mill-Istati Membri permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma u f'konformità mal-proċessi tal-ġestjoni tal-bidla stabbiliti. Ta' min isemmi t-talba urġenti għal bidla mill-Kunsill tal-UE li wasslet fir-raba' trimestru tal-2014 relatata mal-implimentazzjoni ta' miżuri relatata mal-Artiklu 36 (2) u l-Artikolu 36 (3) kemm persuni u oġġetti, kontrolli diskreti u speċifiċi (Ġellieda Barranin).

#### 2.2.3. Eurodac

Matul l-2014, is-sistema tal-Eurodac ħadmet fil-parametri deskritti fil-bażi legali tagħha, b'disponibbiltà ġenerali tas-sistema fl-2014 ta' 99.99 %.

Il-proġett biex tiġi rilokata l-unità ċentrali tal-Eurodac beda fl-2013 u tlesta fil-21 ta' Ġunju 2014. Dan involva rilokazzjoni tal-infrastruttura tas-sistema għas-siti tal-Aġenzija, bis-sistemi l-ġodda installati u jaħdmu b'suċċess fi Strasburgu u Sankt Johann im Pongau, għaldaqstant jiġi finalizzat il-proċess ta' trasferiment tas-

---

biex ma titpoġġiex f'periklu l-iskeda taż-żmien tal-bqija tat-tnedija tal-VIS, minbarra l-istabbiliment ta' strateġija fit-tul dwar l-evoluzzjoni tal-BMS.

<sup>4</sup> L-estimi ta' dan ir-rekwiżit addizzjonali ta' evoluzzjoni tal-BMS kienu ta' 11-il miljun euro. Biex ikun kopert dan ir-rekwiżit mhux previst, f'Diċembru 2013 sar impenn addizzjonali ta' 6.76 miljun euro bil-bqija tal-appropriazzjonijiet li jinsabu fil-baġit tal-2014.

sistemi kollha tal-IT amministrati mill-eu-LISA għaċ-ċentri tad-dejta tal-Aġenzija.

L-attivitajiet ta' ppjanar komplew sabiex jiġi implimentat it-tibdil funzjonali wara adozzjoni tar-Regolament imfassal mill-ġdid tal-Eurodac<sup>5</sup> (għandu jiġi applikat mill-20 ta' Lulju 2015). L-akbar tibdil evoluzzjonarju li rriżulta mit-tfassil mill-ġdid (sabiex jippermetti kontrolli limitati tal-infurzar tal-liġi tad-dejta miżmuma) se jeħtieġ emendi sinifikanti fl-aspetti operattivi u tekniċi tal-funzjonalità tas-sistema tal-Eurodac. L-infrastruttura u r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni tat-tibdil neċessarju fil-ħin allokat bħala riżultat tar-regolament imfassal mill-ġdid beda jiġi stabbilit waqt il-perjodu ta' rapportar bit-timijiet tal-proġett u l-istrutturi ta' governanza rilevanti issa stabbiliti u operattivi. Wara diversi sessjonijiet ta' ħidma mal-Istati Membri, f'Awwissu tal-2014, ġiet adottata verżjoni ġdida tal-ICD (li tirrifletti l-funzjonalitajiet imfassla mill-ġdid).

#### 2.2.4. Network tal-Komunikazzjoni

Il-forniment ta' networks u infrastruttura disponibbli, affidabbli u sikuri għas-sistemi taħt ġestjoni ġie mwettaq b'suċċess matul il-perjodu ta' rapportar. Ix-xogħol ta' ppjanar u koordinazzjoni relatat mal-migrazzjoni min-network sTESTA għal TESTA-ng kompli minkejja dewmien fit-tlestija tal-kuntratt qafas għan-network il-ġdid. In-negozjati bejn DĠ Affarijiet Interni (li jibqgħu responsabbli għall-ġestjoni tal-akkwist, tal-baġits u l-kuntratt tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-sistemi) u l-fornitur tas-servizz ikomplu. Bħala riżultat, ġew stabbiliti kontinġenzi biex ikunu estenzi l-kuntratti tal-s-TESTA iktar tard minn Settembru 2014 sabiex tkun żgurata l-kontinwità tas-servizz. Il-kuntratt għan-network il-ġdid se jiġi ffirmat fl-ewwel trimestru tal-2015.

#### 2.2.5. Kompiti Addizzjonali

##### 2.2.5.1. "Frontieri Intelliġenti"

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-eu-LISA kompliet tikkontribwixxi għall-pakkett tal-"Frontieri Intelliġenti", approċċ suġġerit mill-Kummissjoni biex titjeb il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna taż-żona Schengen permezz tal-istabbiliment ta' Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u l-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati (RTP)<sup>6</sup>. Fl-ewwel trimestru tal-2014, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew artikolaw għadd ta' kwistjonijiet ta' tħassib tekniċi, operattivi u ta' nfiq dwar il-"Frontieri Intelliġenti". Sabiex jiġu riveduti dawn il-kwistjonijiet, il-Kummissjoni ssuġġeriet li jsir eżerċizzju ta' prova tal-kunċett bl-għan li jiġu identifikati għażliet għall-implimentazzjoni tal-"Frontieri Intelliġenti", li jikkonsistu fl-elementi li ġejjin:

- studju tekniku ta' fattibilità, miktub mill-Kummissjoni iżda b'kontribuzzjoni sinifikanti mill-eu-LISA u partijiet interessati rilevanti oħra, se jiġi ppreparat bl-għan li jidentifika s-soluzzjonijiet l-aktar xierqa għall-"Frontieri Intelliġenti". Il-konklużjonijiet tal-istudju ta' fattibilità għandhom jiġu ttestjati permezz ta' proġett pilota li jibda fl-ewwel trimestru tal-2015;
- il-proġett pilota, li għandu jiġi eżegwit mill-eu-LISA u jitwettaq flimkien ma' numru ta' Stati Membri, se jkollu l-għan li jittestja l-fattibilità tal-għażliet identifikati fl-istudju tekniku.

Il-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit relatati mal-Proġett Pilota Frontieri Intelliġenti ġew delegati lill-eu-LISA mill-Kummissjoni Ewropea. Għaldaqstant, iż-żewġ partijiet iffirmaw Ftehim ta' Delega dwar il-Proġett Pilota Frontieri Intelliġenti fl-14 ta' Jannar 2015. It-termini ta' referenza (ToRs) għall-proġett pilota li jiddeskrivu l-ambitu tal-proġett, ir-riżultati tanġibbli u l-kriterji ta' aċċettazzjoni ġew ippreparati wkoll mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mill-qrib tal-eu-LISA. Il-proġett pilota se jitwettaq mill-Aġenzija abbażi tal-Artikoli 5(4) u 13(2)(f) tar-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-

<sup>5</sup> Regolament (UE) Nru 603/2013

<sup>6</sup> Il-Pakkett tal-Frontieri Intelliġenti, kif previst mill-Kummissjoni fi Frar 2013, għandu l-għan li jtejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Istati Membri fiż-żona Schengen, jiġġield kontra l-immigrazzjoni irregolari u jipprovdi informazzjoni dwar dawk li jibqgħu fit-territorju wara li jiskadilhom il-permess kif ukoll jiffaċilita l-qsim tal-fruntieri għal vjaġġaturi frekwenti minn pajjiżi terzi li jkunu għaddew minn skrutinju preventiv.

16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża (ir-Regolament tal-Fruntieri tal-Fond għas-Sigurtà Interna). Il-proġett pilota huwa skedat li jibda fl-ewwel trimestru tal-2015. "Fruntieri Intelliġenti" fformat ukoll materjali għall-ewwel konferenza internazzjonali tal-Aġenzija li saret f'Talinn f'Ottubru 2014.

## 2.3. Governanza

Matul il-perjodu ta' rapportar l-Aġenzija impenjat ruħha biex issaħħaħ kemm il-governanza korporattiva u l-kontrolli interni tagħha. F'konformità mal-aħjar prattika, kompliet tiżviluppa governanza robusta u użat il-qafas ta' kontroll intern tal-Aġenzija biex tevalwa, ittejjeb, u tissorvelja l-kapaċitajiet governattivi korporattivi tal-eu-LISA.

L-eu-LISA kompliet l-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll intern (ICS). L-ICS huma 16-il standard ta' kontroll intern li jipprovdu prinċipji ta' ġestjoni ġeneriċi u governanza u jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi għall-attivitajiet ta' kontroll intern fl-istituzzjonijiet u l-Aġenziji tal-UE. Dawn l-istandards huma f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni u japplikaw għall-aspetti kollha tax-xogħol tal-eu-LISA, u jkopru l-attivitajiet programmatiċi, operattivi, finanzjarji u ta' konformità rilevanti kollha. Matul l-2014 l-eu-LISA kompliet tibni u ssaħħaħ ulterjorment is-sistema tal-ICS tagħha (ara l-Anness B għal aktar dettalji dwar l-istatus ta' kull ICS) u dawn l-istandards, fejn fattibbli, ġew integrati fil-proċeduri operattivi tal-Aġenzija sabiex isiru parti integrali mis-sistemi ta' governanza u ta' ġestjoni tar-riskju tal-Aġenzija.

Matul l-2014, l-eu-LISA kompliet ukoll bl-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għal governanza korporattiva tal-ICT bl-użu ta' mudelli ta' proċess bħal ITIL u CobiT sabiex tipprovdi struttura governattiva li fuqha jittranzjaw l-attivitajiet operattivi tal-IT u tinbena l-kapaċità. B'mod partikolari, l-Aġenzija kompliet timplimenta l-pjan direzzjonali tal-ITIL bħala l-istandard għall-iskjerament ta' qafas u programm ITSM (il-Librerija ta' infrastruttura tal-IT (ITIL) hija sett tal-aħjar prattiċi u standards rikonnoxxut globalment li jappoġġja l-ġestjoni tas-servizz tal-IT (ITSM))<sup>7</sup>. Bħala parti minn dan il-proġett, matul l-2014, l-Aġenzija kompliet tiddefinixxi l-proċess rilevanti tal-ITSM u stabbiliet l-għodod xierqa sabiex tawtomatizza u ttejjeb il-flussi tax-xogħol tan-negozju relatati mas-sistemi amministrati minnha.

Fil-kuntest tal-qafas ta' governanza integrata, l-eu-LISA tirrikonoxxi l-importanza tal-prinċipji tal-ġestjoni tar-riskju u l-valur li jittieħed approċċ proattiv u komprensiv għall-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskju. Għaldaqstant, implimentat qafas ta' ġestjoni tar-riskju robust li jfittex li jidentifika u jikkontrolla r-riskju kif xieraq (ara l-Anness C).

L-eu-LISA kompliet ukoll tiżviluppa s-sistema ta' ġestjoni ta' prestazzjoni ta' livell għoli (PMS) u tallinjaha mal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija sabiex turi kif l-Aġenzija qed tilħaq l-oġettivi strateġiċi definiti tagħha u l-aspettattivi tal-partijiet interessati. Ladarba jiġu adottati l-indikaturi tal-prestazzjoni korporattiva mill-Bord tat-Tmexxija (skedata għall-Marzu 2015), huwa maħsub li l-metrika individwali identifikata tintuża biex tinforma lill-Bord bil-prestazzjoni ġenerali tal-organizzazzjoni u bil-progress lejn ir-riżultati, apparti li timmotiva lill-organizzazzjoni biex taħdem sabiex twettaq l-istrateġija tagħha fl-oqsma kollha tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija.

Matul l-2014, l-Aġenzija għaddiet minn awditjar estern mill-Qorti tal-Awdituri u awditjar intern wieħed. L-awditjar estern tal-Aġenzija twettaq mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u nkisbet opinjoni pożittiva dwar il-kontijiet tal-2013 tal-Aġenzija. L-awditjar intern tal-Aġenzija twettaq mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea u mill-Awditur Intern tal-Aġenzija nnifisha f'Ġunju 2014 bl-għan li tiġi evalwata l-

---

<sup>7</sup> ITIL tiddefinixxi funzjonijiet relatati mal-istrateġija tas-servizz, id-disinn tas-servizz, it-tranżizzjoni tas-servizz, l-operazzjoni tas-servizz u l-iżvilupp kontinwu tas-servizz. ITSM hija prattika bbażata fuq proċess maħsub biex jallinja t-tweqqiq tas-servizzi tal-IT ma' rekwiżiti organizzattivi, li jwassal għal proċessi kummerċjali effiċjenti u tnaqqis utli fl-ispejjeż.

adegwatezza u l-effettività tal-applikazzjoni tas-sistema ta' kontroll intern relatata mal-ippjanar, l-implimentazzjoni u r-rapportar tal-baġit. L-Awditur Intern ikkomunika r-rapport tal-awditjar flimkien mal-pjan ta' azzjoni miftiehem mal-entità li qed tiġi vverifikata lid-Direttur Eżekuttiv u lill-President tal-Bord tat-Tmexxija. Barra minn hekk, f'Ġunju u Settembru tal-2014, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea u l-Awditur Intern tal-Aġenzija nnifisha wettqu evalwazzjoni tar-riskju tal-awditjar li rriżultat fil-Pjan Strateġiku tal-Awditjar Intern tal-eu-LISA għall-2015-2017. Is-Servizz tal-Awditjar Intern ikkomunika l-Pjan lid-Direttur Eżekuttiv u lill-President tal-Bord tat-Tmexxija.

Is-sorveljanza tal-istrutturi formali ta' governanza fl-Aġenzija jitwettqu mid-Direttur Eżekuttiv, mill-Bord tat-Tmexxija u Grupp ta' Konsulenza għal kull sistema amministrata. Sabiex jaħdmu aktar lejn l-istabbiliment ta' mudell integrat ta' governanza, dawn il-korpi formali huma appoġġjati minn kumitati speċjalizzati ta' governanza u sorveljanza f'oqsma bħar-riskju, bidla fil-ġestjoni, il-baġit u l-investment. L-iskop ta' dawn is-sottogrupperi huwa li jissorveljaw attivitajiet f'oqsma speċifiċi li qed ikollhom impatt fuq l-operazzjonijiet tal-Aġenzija (bħal dawk elenkati hawn fuq), jiżviluppaw gwida teknika u jirriżolvu jew jeskalaw il-kwistjonijiet speċifiċi għas-suġġett fl-AoRs rispettivi tagħhom fejn xieraq.

Ġie stabbilit wkoll sottogrupp għal kwistjonijiet finanzjarji fil-Bord tat-Tmexxija b'rappreżentanti mill-Belġju, il-Ġermanja, u l-Kummissjoni li jieħdu parti fih flimkien mal-persunal tal-istaff. L-iskop tas-sottogrupp huwa li janalizza kwistjonijiet relatati mal-finanzi fi preparazzjoni għal-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija sabiex jippermetti biżżejjed ħin għal analiżi u, kif xieraq, dettalji ulterjuri għall-Aġenzija. Is-sottogrupp iltaq' tliet darbiet fl-2014.

Matul l-2014, il-Bord tat-Tmexxija kellu żewġ laqgħat (f'Marzu u Novembru) u kull Grupp ta' Konsulenza (il-Eurodac, is-SIS II u l-VIS) kellu erba' laqgħat separati matul il-perjodu ta' rapportar (fi Frar, Mejju, Awwissu/Settembru u Diċembru). Id-dettalji tal-attivitajiet tal-2014 taż-żewġ gruppi huma deskritti hawn taħt.

### 2.3.1. Bord tat-Tmexxija

Matul l-2014, il-Bord tat-Tmexxija (MB) kompli bir-rwol tiegħu li jiżgura li l-Aġenzija twettaq il-kompiti u tikseb ir-riżultati kif stipulat fir-regolament bażiku tal-Aġenzija bl-aktar mod effettiv, filwaqt li jitqiesu l-għanijiet u l-oġettivi strateġiċi tal-Aġenzija u li jiffoka fuq il-kompiti ta' livell għoli li ġejjin:

- It-twaqqif u l-monitoraġġ tad-direzzjoni strateġika għall-gwida u d-direzzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija;
- L-iżgurar tal-ġestjoni effettiva tal-Aġenzija u l-attivitajiet tagħha; u
- Il-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-eu-LISA biex ikun żgurat li baqgħu konformi mal-istrateġija fit-tul u l-missjoni, il-viżjoni u l-valuri.

Minbarra d-diskussjoni u l-approvazzjoni ta' sensiela ta' dokumenti standard fiċ-ċikli baġitarji annwali u tal-ippjanar tal-attivitajiet, kwistjonijiet speċifiċi indirizzati mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija fl-2014 kienu jinkludu, fost l-oħrajn, l-adozzjoni tat-ToRs għall-evalwazzjoni tal-Aġenzija fl-2015, l-adozzjoni tal-istrateġija fit-tul 2014-2020 tal-Aġenzija, l-adozzjoni tal-proċess tal-bidla fil-ġestjoni tal-Aġenzija, l-adozzjoni tal-Ftehim dwar is-Sede tal-Aġenzija mal-Estonja, l-adozzjoni tal-Ftehim ta' Delega bejn l-eu-LISA u l-Kummissjoni Ewropea li jirrigwarda l-"Fruentieri Intelliġenti" u reviżjoni tal-Programm ta' Ħidma Pluriennali għall-perjodu 2015-2020 tal-eu-LISA.

### 2.3.2. Gruppi Konsultattivi

Kif stipulat fl-Artikolu 19.1 tar-Regolament Bażiku tal-Aġenzija, ir-rwol tal-Gruppi Konsultattivi (AGs) huwa li jipprovdu lill-Bord tat-Tmexxija b'kompetenzi relatati ma' sistemi tal-IT fuq skala kbira u, b'mod partikolari, fil-kuntest tat-tnejja tal-programm ta' ħidma annwali u r-rapport ta' attività annwali. Fl-2014 il-Gruppi ta' Konsulenza għat-tliet sistemi amministrati komplew jipprovdu appoġġ u pariri tekniċi lill-Bord tat-Tmexxija u l-Eżekuttiv tal-Aġenzija fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma 2014, u għadd ta' kwistjonijiet tekniċi addizzjonali relatati mal-evoluzzjoni u aktar żvilupp tas-sistemi amministrati.

L-AGs ikompli jkunu strumentali fl-iżvilupp u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni ta' għadd ta' proċessi kritiċi għan-negozju matul l-2014, bħal:

- it-tisfiħ tal-istrutturi ta' governanza tal-Aġenzija permezz tal-introduzzjoni u l-evoluzzjoni ta' mudell tal-ġestjoni tas-servizzi tal-IT; u
- l-evoluzzjoni tal-pjanijiet direzzjonali u l-iżvilupp ta' Ftehimiet dwar il-Livell ta' Servizz u l-proċessi tal-ġestjoni tal-bidla għas-sistemi.

L-Aġenzija tkompli l-impenn proattiv tagħha mal-MB u l-AGs kollha, filwaqt li ttiprovdihom l-appoġġ amministrattiv u loġistiku meħtieġ matul il-perjodu ta' rapportar u ddaħħalhom sħab fl-indirizzar ta' kwistjonijiet strateġiċi operattivi ewlenin relatati mas-sistemi.

## 2.4. Baġit

L-eu-LISA hija ffinanzjata minn fondi allokatil lilha fuq bażi annwali mill-awtorità baġitarja tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Bħala parti mill-qafas ta' rapportar annwali tagħha, l-Aġenzija tippubblika r-rati ta' eżekuzzjoni tal-baġit tagħha, li jistgħu jgħinu jenfasizzaw l-effiċjenza u l-effikaċja li bihom l-Aġenzija kienet kapaċi tamministra l-infiq tagħha matul il-perjodu ta' rapportar.

Bħala riżultat ta' proċessi finanzjarji msaħħa, ir-rati ta' eżekuzzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tjebru b'mod sinifikanti (sommjarju tal-prestazzjoni tal-baġit tal-eu-LISA fl-2014, f'termini ta' approprjazzjonijiet, impenji, u nfiq matul il-perjodu ta' rapportar huwa stabbilit hawn taħt u dettaljat ulterjorment fl-Anness E). Fl-aħħar tal-2014, ir-rata tal-użu tal-impenn baġitarju mal-appropriazzjonijiet tas-sors tal-fond C1 (il-baġit tas-sena), li jinkludu l-appropriazzjonijiet riportati b'mod awtomatiku jew mhux awtomatiku kien 99.32 %, waqt li r-rata ta' użu għall-appropriazzjonijiet ta' pagamenti kollha disponibbli kienet 99.14 %.

Fil-25 ta' Settembru 2014 ġie adottat baġit li jemenda mill-Bord tat-Tmexxija. L-emenda kkonsistiet minn żieda ta', bejn wieħed u ieħor, 5.5 miljun euro f'approprjazzjonijiet ta' pagament minn DG Affarijiet Interni lill-Aġenzija biex tkopri n-nefqa operattiva tal-2014 relatata mas-sistemi amministrati u b'mod partikolari għall-VIS/BMS u s-SIS II. Dan huwa konsistenti mal-istimi li saru mill-Aġenzija fl-abbozz tal-Baġit 2014 li aktar tard ġie mnaqqas waqt il-proċess baġitarju tal-UE.

Għadd ta' approprjazzjonijiet ta' impenn tal-2014 ġew riportati awtomatikament għall-2015, b'dawk l-impenji relatati mat- Titolu 1 (nefqa tal-persunal) u Titolu 2 (infrastruttura u nefqa amministrattiva oħra) iridu jintużaw kollha din is-sena. It-tabella t'hawn taħt tindika l-eżitu proviżorju għall-baġit tas-sena (sors tal-fond C1).

Figura 2: L-Eżitu Proviżorju għall-Valuri tal-Baġit 2014 f'EUR

	Impenji		Flasijiet	
	Ibbaġitjat	Ikkunsmat	Ibbaġitjat	Ikkunsmat
Titolu 1 <sup>8</sup> implimentat	12,904,809	12,758,939	12,904,809	12,444,306
Titolu 1 riportat				314,633
Titolu 2 <sup>9</sup> implimentat	17,468,328	7,235,885	17,468,328	2,320,156
Titolu 2 riportat*		10,232,443		15,148,172
Titolu 3 <sup>10</sup> implimentat	29,006,863	28,747,317	34,537,578	34,124,207
<b>TOTAL EUR</b>	<b>59,380,000</b>	<b>58,974,584</b>	<b>64,910,715</b>	<b>64,351,475</b>
<b>Espressi bħala %</b>		<b>99.32%</b>		<b>99.14%</b>

\*ammonti trasferiti ta' impenji u approprjazzjonijiet ta' pagamenti mhux b'mod awtomatiku għall-proġett ta' rikostruzzjoni ta' Strasburgu (EUR 10,232,443,46) ġew inklużi proviżorjament.

<sup>8</sup> Titolu 1 = nefqa tal-persunal

<sup>9</sup> Titolu 2 = infrastruttura u nefqa operattiva oħra

<sup>10</sup> Titolu 3 = nefqa operattiva

## 2.5. Ġestjoni Finanzjarja u Akkwist

Ir-regolament finanzjarju tal-Aġenzija jiddeskrivi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-baġit annwali tagħha, li jkopri oqsma bħall-approvazzjoni tal-baġit, il-prinċipji ta' kontabilità u l-proċeduri ta' akkwist. Sabiex tibqa' konformi ma' dan, fl-2014 l-eu-LISA kompliet tikkonsolida u ssaħħaħ il-proċessi finanzjarji, il-proċeduri u l-kontrolli interni tagħha u stabbiliet għodod effettivi biex ittejjeb l-effiċjenza u l-livelli tal-eżekuzzjoni baġitarja u tissorvelja l-prestazzjoni finanzjarja tal-Aġenzija (li tinkludi rapporti regolari tal-eżekuzzjoni tal-baġit u ammeljoramenti pplanati tal-akkwist u proċeduri robusti ta' rapportar baġitarju, finanzjarji u ta' eċċezzjoni).

Waqt il-perjodu ta' rapportar ġiet stabbilita proċedura għal trasferimenti baġitarji li tikkjarifika r-rwoli, ir-responsabbiltajiet u l-fluss tax-xogħol. L-introduzzjoni tagħha saħħet ulterjorment il-kontroll intern tal-implimentazzjoni tal-baġit (kif meħtieġ mill-Artikolu 30 tar-regolament finanzjarju tal-Aġenzija). Iċ-ċirkwiti l-oħra finanzjarji u ta' akkwist u l-flussi tax-xogħol tal-eu-LISA ukoll komplew jġu ottimizzati fuq bażi mill-bidu sal-aħħar, billi ġew stabbiliti verifiki u kontrolli biex jipprovdur assigurazzjoni ta' delineazzjoni ċara bejn ir-rwoli inizjali u ta' verifika.

L-2014 rat ukoll l-iżvilupp kontinwu tal-kwalità tal-informazzjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-Aġenzija u tal-kapaċitajiet ta' rapportar. Matul il-perjodu ta' rapportar twettqu reviżjonijiet u rapportar regolari tal-implimentazzjoni tal-baġit intern b'rapport kull xahar dwar il-ġestjoni tal-eżekuzzjoni tal-baġit u t-tbassir issa huwa fi produzzjoni regolari. Issa ġie ppreparat ukoll rapport trimestrali li jagħti dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għar-reviżjoni mill-Bord tat-Tmexxija u sensiela ta' KPIs finanzjarji ta' livell għoli għall-inklużjoni fit-tabella operattiva għall-prestazzjoni korporattiva tal-Aġenzija.

L-elementi tranżazzjonali tal-funzjoni finanzjarja u l-ħin meħud biex jġu pproċessati l-fatturi tjiem b'mod sinifikanti matul il-perjodu ta' rapportar. Ġiet introdotta sistema ta' fatturar elettroniku, inizjalment għal fatturi riċevuti li jikkonċernaw il-kuntratt qafas DIGIT u ġie stabbilit ukoll mekkaniżmu ta' reviżjoni regolari għall-użu ta' impenji u pagamenti, bl-involvement sħiħ tal-Maniġers tal-Applikazzjoni għas-sistemi amministrati.

Sabiex titjeb it-trasparenza u s-sorveljanza tal-allokazzjoni ta' proġetti u riżorsi, ġiet stabbilita proċedura għar-reviżjoni u l-approvazzjoni ta' proġetti ġodda. Imfassal biex jaħdem mal-akkwist u l-pjan tal-akkwiżizzjoni (PAC) tal-Aġenzija, matul l-2014 ġie implimentat il-Proċess ta' Reviżjoni Kummerċjali u ta' Investiment biex ikun żgurat li r-riżorsi tal-Aġenzija jkunu allinjati mal-eżiti meħtieġa kif dettaljat fil-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali tal-Aġenzija u marbut mal-pakkett baġitarju tal-Aġenzija. Sabiex jinkiseb dan ir-riżultat, il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Investment (BIC) tal-Aġenzija ngħata l-kompitu tal-approvazzjoni ta' każijiet kummerċjali ta' sinifikat strateġiku.

Saru wkoll sforzi ulterjuri sabiex l-aħjar prattika tingħata proċedura fil-funzjoni tal-akkwist, bl-introduzzjoni ta' SOPs dwar il-ġestjoni tal-akkwist u għadd ta' seminars ta' "tagħlimiet meħuda" dwar l-akkwist li saru sabiex jassistu f'akkwisti futuri, b'mod partikolari jiffokaw fuq l-esperjenza miksuba fl-amministrazzjoni ta' offerti ta' kuntratti ta' Żamma f'Kundizzjoni li taħdem fuq skala kbira. Il-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejn il-personal operattiv u tal-akkwist tjiem ukoll bit-tixrid ta' ċirkolari interna dwar l-aħjar prattika u t-twettiq ta' sessjonijiet ta' taħriġ rilevanti għall-personal. Ġiet maħruġa wkoll deċiżjoni mid-Direttur Eżekuttiv (ED) li ssaħħaħ il-kontroll u s-superviżjoni tal-Aġenzija fl-implimentazzjoni operattiva tal-kuntratti tal-MWO.

## 2.6. Partijiet Interessati u Sħubiji:

Matul l-2014 l-Aġenzija kompliet issaħħaħ is-sħubiji operattivi tagħha ma' Aġenziji oħra fil-qasam ta' politika tal-ĠAI abbażi ta' memoranda ta' qbil (MtQ) formali, li jiddeskrivu u jifformalizzaw il-kooperazzjoni f'oqsma ta' interess komuni. Fit-tfittxija għall-iskambju ta' esperjenza u għarfien ma' sħab identifikati u li jikkontribwixxu għall-iskjerament ta' sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija komuni kif ukoll il-forniment ta' servizzi (skont l-istrumenti legali rilevanti fis-seħħ), l-eu-LISA u s-sħab tagħha komplew jingranaw ir-riżorsi skarsi u jaqsmu l-

kompetenzi biex iżidu valur u jfornu servizzi aħjar lill-partijiet interessati.

Ta' min jinnota li waqt il-perjodu ta' rapportar, l-eu-LISA ffirmat MtQ mal-Frontex u ftiehm u dwar pjan ta' kooperazzjoni annwali formali (il-MtQ ġie ffirmat fil-31 ta' Jannar 2014) u kkonkludew arranġament tax-xogħol mal-EASO fl-4 ta' Novembru 2014, li jstabilixxi qafas aktar strutturat għall-kooperazzjoni f'oqsma ta' interess komuni. L-Aġenzija kompliet ukoll tibni netwerks formali u informali oħra għall-iskambju ta' esperjenzi u tagħrif ma' sħab identifikati (b'mod partikolari mal-Europol, CEPOL, ECHA, EASO u l-FRONTEx, FRA u l-UASI) bl-għan li dan l-iskambju jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-iskjerament ta' sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija komuni rilevanti (pereżempju, il-ħolqien ta' pjattaformi ta' taħriġ magħmula apposta flimkien ma' CEPOL u preparamenti għat-tnedija tal-intranet u l-extranet tal-Aġenzija inkluż SharePoint).

Il-kumitat tat-tmexxija tal-eu-LISA approva wkoll strateġija għall-ġestjoni tal-partijiet interessati fl-aħħar tal-2014. Din l-istrateġija se tipprovdi mezz għall-perċezzjonijiet ta' referenza fost partijiet interessati ewlenin tal-prestazzjoni tal-Aġenzija u biex issegwi l-progress fl-oqsma li ġejjin:

- ittejjeb il-proċessi wiesgħa għall-ġestjoni tal-partijiet interessati tal-eu-LISA u tipprovdi linja ta' referenza li magħha jista' jiġi segwit il-progress fuq l-impenn mal-partijiet interessati esterni.
- taċċerta l-ħtiġijiet u l-aspettattivi futuri tal-gruppi tal-partijiet interessati ewlenin; u
- tifhem dak li jinfluwenza l-fehmiet tal-persuni tal-eu-LISA u kif l-eu-LISA tista' timpenja ruħha aħjar mal-gruppi tal-partijiet interessati ewlenin.

Matul il-perjodu ta' rapportar l-eu-LISA nnominat lilha nnifisha sabiex tieħu l-inkarigu ta' President tal-Aġenziji tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni (ĠAI) fl-2015. Bil-ħsieb li jikkoordina l-iskambju ta' informazzjoni fost id-disa' Aġenziji tal-ĠAI u tal-Kummissjoni Ewropea, in-netwerk ifittex sabiex jikkontribwixxi ulterjorment għall-implimentazzjoni operattiva tal-oġġettivi tal-UE fl-oqsma tal-migrazzjoni, l-ażil, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-kriminalità serja u organizzata, il-kooperazzjoni ġudizzjarja. Sabiex tiġi stabbilita l-aġenda għal dan il-grupp fl-2015, l-eu-LISA abbozzat dokument ta' prijorità u pjan ta' azzjoni għall-presidenza tagħha.

L-Aġenzija b'suċċess wettqet l-attivitajiet ta' taħriġ kollha kif deskritt fil-pjan ta' taħriġ annwali tagħha għall-2014 għall-operaturi SIRENE, evalwaturi ta' Schengen u utenti tal-Istati Membri tas-sistemi amministrati. Sabiex ikun appoġġjat ulterjorment it-tweqqif u l-iżvilupp effettiv ta' programmi ta' taħriġ xierqa, waqt il-perjodu ta' rapportar ġie stabbilit netwerk formali ta' punti ta' kuntatti nazzjonali (NCPs). Imfassal biex jassisti l-eu-LISA fl-iżvilupp ta' korsijiet ta' taħriġ, metodoloġiji, materjali ta' taħriġ u għodod, in-netwerk tal-NCP kellu l-ewwel laqgħa tiegħu f'Talinn f'Ottubru 2014.

Kien hemm għadd ta' impenji kbar mal-partijiet interessati matul il-perjodu ta' rapportar. Ta' min isemmi l-konferenza "Fruentieri Intelliġenti" msemmija qabel li saret f'Ottubru 2014 (forum biex jiġu diskussi aspetti prattiċi tal-implimentazzjoni tas-sistemi ġodda proposti tal-"Fruentieri Intelliġenti" kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll Ewropew), l-ewwel laqgħa tal-Kunsillieri tal-ĠAI li saret fi Brussell f'Lulju (imfassla bħala laqgħa regolari biex tiżdied il-kooperazzjoni bejn il-Kunsillieri tal-ĠAI u l-eu-LISA) u roundtable li tissorvelja t-teknoloġija f'Talinn, li l-iskop tagħha kien li timpenja ruħha mal-industrija (25 kumpanija pparteċipat) biex jiġu eżaminati l-iżviluppi fil-bijometrija u t-teknoloġiji assoċjati ta' rilevanza għall-programm "Fruentieri Intelliġenti".

L-eu-LISA stabbiliet ukoll Network ta' Uffiċjali għas-Sigurtà (SON) bħala netwerk informali għall-iskambju ta' esperjenza u l-aħjar Prattika fost l-Istati Membri u l-eu-LISA fid-dominji kollha relatati mas-sigurtà tas-sistema tal-IT fuq skala kbira li bħalissa jiġu operati mill-Aġenzija.

Ġiet immedija websajt esterna sabiex tappoġġja u tippermetti l-impenji tal-Aġenzija u l-istrateġija għall-komunikazzjoni esterna<sup>11</sup>. Matul l-2014 kienet qed tiġi żviluppata wkoll pjattaforma SharePoint li tippromwovi kollaborazzjoni aħjar u rapportar imtejjeb għall-partijiet interessati interni u esterni.

---

<sup>11</sup> Minn Settembru 2014 is-sit ġibed 12,799 viżitaturi uniċi.

Fl-2014 l-Aġenzija laħqet ukoll bis-siġħ l-obbligi ta' rapportar statutorju fejn wettqet u ppubblikat dan li ġej fl-iskeda taż-żmien stipulata fl-2014: Ir-rapport annwali 2013 tal-Eurodac, l-Istatistiċi annwali tas-SIS, ir-rapport biennali tal-VIS u l-lista ta' awtoritajiet kompetenti tas-SIS II.

## 2.7. Bini

Is-siti li minnhom l-eu-LISA taħdem (kif deskritt fl-Artikolu 10 tar-Regolament Bażiku tal-Aġenzija) huma kif ġej:

- Is-sede tal-Aġenzija jinsab f'Talinn, l-Estonja;
- il-kompiti relatati mal-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li għalihom hija responsabbli l-Aġenzija jitwettqu fi Strasburgu, Franza; u
- għandu jiġi installat sit ta' riżerva, li jkun kapaċi jiżgura t-tħaddim ta' sistema tal-IT fuq skala kbira f'każ ta' ħsara f'sistema bħal din, f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija.

### 2.7.1. Talinn, l-Estonja

Waqt li l-persunal tal-Kwartieri Ġenerali tal-Aġenzija baqgħu f'uffiċċji temporanji tul l-2014, in-negozjati komplew mal-Istat tal-Estonja sabiex jiġi konkluż il-Ftehim tal-Kwartieri Ġenerali tal-eu-LISA.

Il-Ftehim innifsu ġie finalment iffirmit fid-19 ta' Diċembru 2014 u rratifikat mill-Parlament tal-Estonja fit-18 ta' Frar 2015. Huwa jorbot lill-Gvern tal-Estonja biex jibni kwartieri ġenerali ġodda għall-Aġenzija f'Talinn bi spazju għal 100 ħaddiem (il-baġit tal-Estonja 2014-2017 assenja 8.4 miljun euro għal dan l-iskop). Il-bini se jkun disponibbli għall-eu-LISA b'xejn u l-uffiċċju huwa skedat li jkun lest li jibda jintuża sa Diċembru 2017.

Għadd ta' passi preparatorji addizzjonali ttieħdu b'mod parallel għall-proċess ta' negozjati matul l-2014 biex jiġu definiti r-rekwiżiti tal-eu-LISA għal bini l-ġdid tal-kwartieri ġenerali, inkluż ittra uffiċjali tal-bidu biex jinbeda l-bini mibgħuta lill-Ministeru tal-Intern tal-Estonja f'Ġunju 2014. L-eu-LISA ddeskriviet ukoll ir-rekwiżiti tagħha f'termini ta' impronta ta' akkomodazzjoni inizjali għall-bini l-ġdid u kunċetti ta' sigurtà fiżika għall-awtoritajiet tal-Estonja.

Matul il-perjodu ta' rapportar kien hemm ukoll programm ta' xogħol sinifikanti biex tiġi mtejba u emendata l-impronta disponibbli ta' akkomodazzjoni tal-uffiċċji f'Talinn.

### 2.7.2. Strasburgu, Franza

Il-ftehim tas-sede li ġie ffirmit f'Diċembru 2013 bejn il-Gvern Franċiż u l-eu-LISA qed jistenna li jiġi rratifikat mill-Parlament Franċiż.

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-persunal tal-eu-LISA kompli jimplimenta skeda ambizzjuża ta' manutenzjoni korrettiva u preventiva fis-sit tekniku sabiex titjeb il-kwalità tal-isparju tal-uffiċċji u s-sistema disponibbli. Dan inkluda l-eżekuzzjoni pprogrammata ta' għadd ta' azzjonijiet ta' manutenzjoni preventiva partikolarment kumplessi li jikkonċernaw tagħmir sensitiv elettriku u tal-kontroll tal-klima.

L-Aġenzija bdiet ukoll għadd ta' proċeduri ta' akkwist li jikkonċernaw ir-restawr u t-tagħmir ta' diversi oqsma. Ta' importanza partikolari kienet il-fażi tad-disinn għall-konstruzzjoni ta' bini addizzjonali fis-sit tekniku tal-Aġenzija li tlesta u li jippermetti l-offerta kompetittiva għat-tnedija tal-bini fil-ewwel trimestru tal-2015.

### 2.7.3. Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija

Matul is-sena l-Aġenzija kompliet tiżgura d-disponibbiltà tas-sit ta' riżerva tagħha, f'konformità mal-proċeduri ta' kontinwità kummerċjali għas-sistema fuq skala kbira.



## Anness A: Attività u Prestazzjoni fl-2014

L-indikaturi ta' prestazzjoni għall-programm ta' ħidma 2014 huma deskritti hawn taħt. Il-metriċi li jinsabu f'dan l-anness jiġbru fil-qosor il-progress li għamlet l-Aġenzija fil-konfront tar-riżultati speċifiċi li stabbiliet hija stess fil-Programm ta' Ħidma 2014. Il-progress matul il-perjodu ta' rapportar fil-konfront tal-oġġettivi u l-eżiti mistennija huma miġbura fil-qosor hawn taħt.

REF	Objettiv tal-Programm ta' ħidma 2014	Eżiti Mistennija mill-Programm ta' Ħidma 2014	Indikatur #	Indikatur tal-Programm ta' Ħidma 2014	Objettiv Imwettaq (Iva/Le)	Sommarju biex jagħti evidenza tat-twertiq jew mitigazzjoni għan-nuqqas ta' twertiq:
GOV 1	<ul style="list-style-type: none"> <li>Implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali tal-governanza korporattiva kif definit fl-2013</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Il-kompiti pprovduti fil-Pjan ta' implimentazzjoni għall-2014 imwettqa.</li> </ul>	1	Pjanijiet ta' implimentazzjoni ppreparati.	Iva	Elementi li jikkontribwixxu għal governanza effettiva u xierqa għall-Aġenzija u għodod għall-indirizzar tar-riskji governattivi identifikati u artikolati.
			2	Xogħol imwettaq fil-konfront ta' pjanijiet	Iva	Elementi ewlenin fil-qafas ta' governanza korporattiva tal-Aġenzija implimentati fl-2014 (eżempju, qafas għall-Ġestjoni tar-Riskju, Standards għall-Kontroll Intern tal-Aġenzija u reġistru ta' konformità approvat mill-MB u elementi inizjali ta' QM (katalogu ta' servizz korporattiv) implimentati).
			3	Rapportar tal-progress regolari pprovdut lill-maniġment.	Iva	Rapporti kull xahar ipprovduti lill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni dwar RM u I-ICS ipprovduti matul l-2014.
GOV 2	<ul style="list-style-type: none"> <li>Implimentazzjoni tal-KPI għal prestazzjoni korporattiva</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Indikaturi tal-KPI definiti, maqbula u implimentati.</li> </ul>	4	KPI sorveljati u rrapportati regolarment	Għadu għaddej	Indikaturi li jiffinalizzaw tal-Aġenzija flimkien mal-MB (abbozz korporattiv tat-tabella operattiva tal-KPI ġie ppreżentat għad-diskussjoni f'Novembru 2014 fil-laqgħat tal-MB)
			5	Analiżi tal-prestazzjoni mdaħħla fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.	Le	Ara l-kumment għal GOV2, indikatur 4
			6	Persunal tal-Aġenzija aġġornat regolarment dwar il-prestazzjoni tal-organizzazzjoni u impenjat billi jindirizza l-oportunitajiet u d-dgħufijiet.	Le	Ara l-kumment għal GOV2, indikatur 4
GOV 3	<ul style="list-style-type: none"> <li>Żvilupp tal-mudell tas-servizz skont il-pjan direzzjonali tal-</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Il-kompiti pprovduti fil-Pjan ta' implimentazzjoni għall-2014 imwettqa</li> </ul>	7	Ir-riżultati għandhom jitwettqu skont il-pjan	Iva	Xogħol li tlesta matul is-sena inkluda: Definiti l-proċessi tal-Fażi 1 tal-ITSM; l-għodda tal-ITSM ġiet adattata u mtejba f'konformità mal-mudell tas-servizz rivedut; implimentazzjoni ulterjuri għall-proċessi ta' ġestjoni ta'

REF	Objettiv tal-Programm ta' ħidma 2014	Eżiti Mistennija mill-Programm ta' Ħidma 2014	Indikatur #	Indikatur tal-Programm ta' Ħidma 2014	Objettiv Imwettaq (Iva/Le)	Sommarju biex jagħti evidenza tat-twertiq jew mitigazzjoni għan-nuqqas ta' twertiq:
	Implimentazzjoni tal-ITIL/ITSM					inċidenti, problemi u konfigurazzjoni abbażi tal-SM7 fis-seħħ; il-proċessi tal-Fażi 1 tal-ITSM iffinalizzati u l-migrazzjoni mill-SM7 għall-SM9 għandha tibda sal-aħħar tar-raba' trimestru tal-2014.
			8	Għandu jkun pprovdut rapportar regolari tal-progress	Iva	Aġġornamenti regolari pprovduti lill-Bord tat-Tmexxija (permezz ta' rapportar trimestrali tal-WP) u lill-Gruppi ta' Konsulenza matul il-perjodu ta' rapportar.
GOV 4	Żvilupp ulterjuri tal-istandards ta' kontroll intern	<ul style="list-style-type: none"> <li>Awditjar intern regolari</li> <li>It-tim tal-ġestjoni tal-Aġenzija jrid jiżgura segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar</li> </ul>	9	Ir-rapporti tal-awditjar għandhom jiġu riveduti mit-tim tal-ġestjoni	Iva	Rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-ICS abbozzati u riveduti mill-amministraturi f'Marzu 2014 u f'Gjunju/Lulju 2014.
			10	Is-sejbiet fir-rapporti tal-awditjar għandhom jiġu kkomunikati lill-persunal	Iva	Is-sejbiet ġew ikkomunikati lill-amministraturi.
			11	Pjan ta' azzjoni m'ħejji u implimentat sabiex ikunu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tal-awdituri	Iva	Pjan ta' azzjoni m'ħejji Ir-rakkomandazzjonijiet kollha ġew indirizzati.
DEV <sub>1</sub>	Monitoraġġ u evoluzzjoni tal-Ftehimiet dwar il-Livell ta' Servizz għas-sistemi ġestiti mill-Aġenzija	<ul style="list-style-type: none"> <li>Reviżjonijiet tas-Servizz Regolari</li> <li>Rapporti dwar il-kwalità tas-servizzi regolari</li> </ul>	12	Twertiq tar-reviżjonijiet tas-Servizz Regolari u ta' rapporti dwar il-kwalità tas-servizz	Iva	Preżentazzjonijiet li saru kollha fil-laqgħat tal-2014 tal-Grupp Konsultattiv lill-Istati Membri li jiddeskrivu l-prestazzjoni operattiva tas-sistemi rispettivi.
			13	L-indikaturi ta' prestazzjoni tas-servizz skont l-SLAs intlaħqu	Parzjali	L-SLAs Standard ġew miftiehma għas-sistemi kollha (Eurodac, SIS II u VIS/BMS). L-SLA speċifiku għall-Eurodac ġie mftiehem mill-Grupp Konsultattiv tal-Eurodac fit-tielet trimestru tal-2014. L-iżvilupp ta' SLAs speċifiċi għall-VIS u s-SIS II għandu jiġi finalizzat fl-2015 wara diskussjonijiet mal-Grupp Konsultattiv u l-emendi ssuġġeriti f'Diċembru 2014; fit-tieni trimestru tal-2014 stħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti li ġie ppreżentat lit-3 Gruppi Konsultattivi juri li 80 % tal-utenti kienu "sodisfatti" jew "sodisfatti ħafna" bil-livelli ta' servizz attwali tal-eu-LISA.
			14	Opportunitajiet identifikati għat-titjib tas-servizz.	Iva	Seminars/sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni li saru matul l-2014 mal-persunal tal-eu-LISA u partijiet interessati esterni rilevanti sabiex jiddied l-għarfien fir-rigward tal-

REF	Objettiv tal-Programm ta' ħidma 2014	Eżiti Mistennija mill-Programm ta' Ħidma 2014	Indikatur #	Indikatur tal-Programm ta' Ħidma 2014	Objettiv Imwettaq (Iva/Le)	Sommarju biex jagħti evidenza tat-twertiq jew mitigazzjoni għan-nuqqas ta' twertiq:
						ħtiġijiet kummerċjali tas-sistemi permezz ta' avvenimenti tekniċi u proġetti ta' sensibilizzazzjoni għas-sistemi kollha ġestiti.
DEV <sub>2</sub>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Ġestjoni operattiva tas-SIS II</li> <li>• Evoluzzjoni tas-SIS II</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Il-kompiti kollha meħtieġa biex jiġi żgurat funzjonament 24/7 tas-SIS II Ċentrali skont il-bażijiet legali għal din is-sistema. B'mod partikolari l-manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa għat-ħaddim bla intoppi tas-sistema u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni teknika tas-sistema;</li> <li>• Evoluzzjoni tas-sistema ppjanata u mwettqa;</li> <li>• Sorveljanza u monitoraġġ tal-ħidma skont il-kuntratt għall-manutenzjoni tas-SIS II;</li> <li>• Assistenza lill-Istati Membri.</li> </ul>	15	Livelli ta' servizz maqbula ssodisfati skont l-SLA taħt DEV <sub>1</sub> t'hawn fuq.	Iva	<p>Kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet ta' kuljum u l-proċeduri ta' ġestjoni tal-bidla assoċjati biex jippermettu lis-SIS II tiffunzjona f'konformità mal-bażijiet legali tas-sistema matul il-perjodu ta' rapportar.</p> <p>Assistenza u sostenn lill-Istati Membri pprovduta għas-servizzi ta' ttestjar jew talbiet operattivi.</p> <p>L-SLA għas-SIS II għandha tiġi finalizzata fl-2015 wara diskussjonijiet mal-Grupp Konsultattiv u l-emendi ssuġġeriti f'Diċembru 2014.</p> <p>Saru diversi sessjonijiet ta' ħidma mal-Istati Membri biex jiġu indirizzati kwistjonijiet operattivi, eżempju: DCC, manwal operattiv, statistika u rapportar.</p>
			16	Kisbiet ta' stadji importanti u riżultati maqbula mill-ħuqa skont il-kompiti ta' manutenzjoni u evoluzzjonarji maqbula mal-Istati Membri fil-qafas tal-kuntratt għall-manutenzjoni tas-SIS II.	Iva	<p>Tranżizzjoni għall-kuntrattur il-ġdid tas-SIS II MWO ikkompletata b'suċċess. Il-manutenzjoni korrettiva, adattiva u evoluttiva kollha ppjanata twettqet skont l-iskeda.</p> <p>Aġġornamenti operattivi regolari u relatati mal-proġett ippreżentati lill-Grupp Konsultattiv tas-SIS II (aktar minn 30 preżentazzjoni pprovduta fl-2014).</p> <p>55 bidla li ġeja mill-Istati Membri pproċessata, saru 17-il webinar u fl-2014 ġew ipproċessati 215 bidla teknika interna.</p> <p>Il-proġetti kbar li ġejjin ġew imwettqa:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- Twertiq ta' pjan direzzjonali ta' evoluzzjoni dettaljat;</li> <li>- Integrazzjoni tal-Europol;</li> <li>- Ir-Renju Unit teknikament lest għall-integrazzjoni;</li> <li>- Titjib fir-rapportar u l-istatistika;</li> <li>- Tranżizzjoni għall-kuntrattur il-ġdid tal-MWO;</li> </ul>

REF	Objettiv tal-Programm ta' ħidma 2014	Eżiti Mistennija mill-Programm ta' Ħidma 2014	Indikatur #	Indikatur tal-Programm ta' Ħidma 2014	Objettiv Imwettaq (Iva/Le)	Sommarju biex jagħti evidenza tat-twertiq jew mitigazzjoni għan-nuqqas ta' twertiq:
						- Talbiet urġenti għal bdil mill-Kunsill tal-UE (Għallieda Barranin).
DEV3	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Għestjoni operattiva tal-VIS</li> <li>• Evoluzzjoni tal-VIS</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Il-kompiti kollha meħtieġa biex jiġi żgurat funzjonament 24/7 tal-VIS Ċentrali skont il-bażijiet legali għall-VIS. B'mod partikolari l-manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa għat-tħaddim bla intoppi tas-sistema. Dan ser jinkludi wkoll il-monitoraġġ tal-prestazzjoni teknika tas-sistema;</li> <li>• Iż-żamma u l-aġġornament ta' dan li ġej: id-database tal-għestjoni tal-konfigurazzjoni; il-gwida għall-Individwazzjoni ta' soluzzjoni; id-Database ta' Għarfien; FAQs eżawrjenti għall-utenti;</li> <li>• Sorveljanza u monitoraġġ tax-xogħol ta' manutenzjoni skont il-kuntratt tal-VIS MWO;</li> <li>• Implimentazzjoni tat-tnedija maqbula skedata għall-VIS;</li> </ul>	17	Livelli ta' servizz maqbula ssodisfati skont l-SLA taħt DEV1 t'hawn fuq.	Iva	Kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet ta' kuljum u l-proċeduri ta' għestjoni tal-bidla assoċjati biex jippermettu lis-SIS II tiffunzjona f'konformità mal-bażijiet legali tas-sistema matul il-perjodu ta' rapportar. L-SLA tal-VIS għandu jiġi finalizzat fl-2015 wara diskussjonijiet mal-Grupp Konsultattiv u l-emendi ssuġġeriti f'Diċembru 2014.
			18	Kisbiet ta' stadji importanti u riżultati maqbula milfuqa skont il-kompiti ta' manutenzjoni u evoluzzjonarji maqbula mal-Istati Membri fil-qafas tal-kuntratt għall-manutenzjoni tal-VIS.	Iva	Il-manutenzjoni korrettiva, adattiva u evoluttiva kollha ppjanata twettqet skont l-iskeda. Aġġornamenti operattivi regolari u relatati mal-proġett ġew ippreżentati lill-Grupp Konsultattiv tal-VIS/BMS, aktar minn 30 tema ta' preżentazzjoni pprovduta fl-2014; 67 bidla li ġejjin mill-Istati Membri pproċessati, saru 9 webinars u ġew ipproċessati 270 bidla teknika interna fl-2014. Il-proġetti kbar li ġejjin ġew imwettqa: <ul style="list-style-type: none"> <li>- Evoluzzjoni tal-VIS għal 120k;</li> <li>- Imniedi l-proġett għaż-żieda fil-kapaċità tal-BMS;</li> <li>- Kontinwazzjoni tal-ittestjar tal-integrazzjoni tal-VIS Mail;</li> <li>- Abbozzati l-linji gwida għat-tranżizzjoni tal-VIS Mail;</li> </ul>
			19	Tnedija maqbula skedata għall-VIS implimentata kif ippjanat	Iva	Tnedija tal-VIS implimentata kif ippjanat u skont l-iskeda. Matul it-tnedija l-Istati Membri rċewew assistenza onlajn u s-sistemi ġew sorveljati mill-qrib.
DEV4	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Għestjoni operattiva tal-Eurodac</li> <li>• Evoluzzjoni tal-Eurodac</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Il-kompiti kollha meħtieġa biex jiġi żgurat funzjonament 24/7 tal-Eurodac Ċentrali</li> </ul>	20	Livelli ta' servizz maqbula ssodisfati skont l-SLA taħt DEV1 t'hawn fuq.	Iva	Kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet ta' kuljum u l-proċeduri ta' għestjoni tal-bidla assoċjati biex jippermettu lis-SIS II tiffunzjona f'konformità sħiħa mal-SLA adottati u mal-bażijiet legali tas-sistema matul il-perjodu ta'

REF	Objettiv tal-Programm ta' ħidma 2014	Eżiti Mistennija mill-Programm ta' Ħidma 2014	Indikatur #	Indikatur tal-Programm ta' Ħidma 2014	Objettiv Imwettaq (Iva/Le)	Sommarju biex jagħti evidenza tat-twettiq jew mitigazzjoni għan-nuqqas ta' twettiq:
		<p>skont il-bażijiet legali għal din is-sistema. B'mod partikolari l-manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa għat-tħaddim bla intoppi tas-sistema. Dan ser jinkludi xogħol għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni teknika tas-sistema;</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>Implimentazzjoni tar-rekwiżiti fir-Regolament imfassal mill-ġdid dwar il-Eurodac.</li> <li>Integrazzjoni tal-utenti l-ġodda.</li> </ul>				rapportar. L-SLA speċifiku għall-Eurodac ġie miftiehem mill-Grupp Konsultattiv tal-Eurodac fit-tielet trimestru tal-2014.
			21	Kisbiet ta' stadji importanti u riżultati maqbula mil-ħuqa skont il-kompiti ta' manutenzjoni u evoluzzjonarji maqbula mal-Istati Membri fil-qafas tal-kuntratt għall-manutenzjoni tal-Eurodac.	Iva	Il-manutenzjoni korrettiva, adattiva u evoluttiva kollha ppjanata twettqet skont l-iskeda. 11 bidla li ġejjin mill-Istati Membri pproċessati u 27 bidla teknika interna ġew ipproċessati fl-2014. F'Lulju 2014 il-proġett ta' Rilokazzjoni ġie mwettaq u ġab il-Eurodac fiċ-ċentri tad-dejta tal-eu-LISA. Aġġornamenti operattivi regolari u relatati mal-proġett ġew ippreżentati fil-Grupp Konsultattiv tal-Eurodac, aktar minn 20 tema ta' preżentazzjoni pprovduta fl-2014;
			22	Ippjanar skont l-iskeda biex jiġi implimentat tibdil fis-sistema bħala riżultat ta' rekwiżiti ġodda fir-Regolament imfassal mill-ġdid tal-Eurodac.	Iva	Proġett imfassal mill-ġdid kif skedat. Matul l-2014 il-proġett ġie stabbilit u l-governanza ġiet maqbula mal-Grupp Konsultattiv. F'Awgust 2014 ġiet adottata verżjoni ġdida tal-ICD li fiha t-tibdil meħtieġ mir-Regolament imfassal mill-ġdid. Kull xahar isir forum għall-ġestjoni tal-proġett biex jiġu evalwati l-progress u r-riskji u l-kwistjonijiet identifikati minn kull Stat Membru.
DEV5	<ul style="list-style-type: none"> <li>Twettiq ta' studji dwar il-fattibilità u pariri lill-Kummissjoni dwar aspetti tekniċi dwar l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' Dħul/ħruġ u RTP</li> <li>Tkun lesta li tiegħu f'idejha l-ġestjoni ta' sistemi oħrajn.</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Stimi ta' pjan tar-riżorsi (inklużi finanzjarji) u tal-implimentazzjoni għall-pilota ppjanat għall-2015</li> <li>Thejjiġa tad-dokumentazzjoni tal-offerta meħtieġa għall-pilota</li> <li>Evalwazzjoni regolari tal-kapaċitajiet li tittieħed responsabbiltà għas-sistemi addizzjonali</li> </ul>	23	Kontribut tal-Aġenzija għall-istudju tal-fattibilità twettaq kif ippjanat	Iva	Wara t-tlestija tal-istudji ta' fattibilità u tekniċi tal-Kummissjoni, il-fażi inizjali tal-Pilota SB ġie mniedi f'Settembru 2014. F'Diċembru ġew ippreżentati l-lista ta' kandidati tal-Istati Membri u l-punti ta' qsim tal-fruntieri flimkien mal-qafas sperimentali ta' pjan direzzjonali abbażi tal-ewwel abbozz ta' termini ta' referenza.
			24	Dokumentazzjoni tal-offerta meħtieġa m'hejjiġa fil-ħin	Iva	L-eu-LISA pprovdiet l-input meħtieġ lill-Istudju Tekniku tal-Kummissjoni u sostniet l-istima tan-nefqa ta' numru ta' għażliet differenti ta' implimentazzjoni.
			25	Pjanijiet tar-riżorsi fis-seħħ biex tiġi indirizzata l-kapaċità tal-Aġenzija li tiegħu r-responsabbiltà ta' sistemi oħrajn.	Iva	L-eu-LISA żviluppat u fformalizzat l-ippjanar tagħha ulterjorment fir-rigward tal-infrastruttura, il-persunal u r-riżorsi organizzattivi speċifiċi meħtieġa għall-

REF	Objettiv tal-Programm ta' ħidma 2014	Eżiti Mistennija mill-Programm ta' Ħidma 2014	Indikatur #	Indikatur tal-Programm ta' Ħidma 2014	Objettiv Imwettaq (Iva/Le)	Sommarju biex jagħti evidenza tat-twettiq jew mitigazzjoni għan-nuqqas ta' twettiq:
						implimentazzjoni b'suċċess ta' sistemi addizzjonali (evidenzjat fil-MSPP 2015-2017).
OPI <sub>1</sub>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Ġestjoni tal-infrastruttura tas-sistemi: (sistemi operattivi, softwer tad-database u oħrajn u prodotti lesti għall-bejgħ, inklużi aġġornamenti)</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Infrastruttura tas-sistemi aġġornata</li> <li>Patches u aġġornamenti meħtieġa applikati</li> </ul>	26	Kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet ta' kuljum u ġestjoni tal-bidla assoċjata, inkluż il-ġestjoni tal-attivitajiet relatati tal-kuntratturi.	Iva	Matul l-2014, l-amministrazzjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tas-sistemi tal-IT tal-Aġenzija flimkien mal-inċidenti/ġestjoni tal-problema/riżoluzzjoni, ġestjoni tal-bidla u s-sorveljanza ta' attivitajiet relatati tal-kuntratturi komplet mingħajr kwistjonijiet kbar.
OPI <sub>2</sub>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Monitoraġġ tan-netwerk u koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tan-netwerk għas-SIS II, il-VIS u l-Eurodac u l-iżgurar tas-sigurtà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-VIS u l-Eurodac (is-sigurtà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS II tibqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni);</li> <li>L-iżgurar li l-miżuri u l-prekawzjonijiet applikabbli għal kwalunkwe komputu tan-netwerk fdat lil korpi esterni mis-settur privat jiġi rrispettat bis-siġħ;</li> <li>L-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-ħidma fir-rigward tal-migrazzjoni tan-netwerk sTESTA attwali skont il-kuntratt il-</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Żgurar tad-disponibbiltà u l-prestazzjoni tan-Netwerk sTESTA (kif definit fl-indikaturi tan-netwerk li ġejjin għan-netwerk għas-SIS II, VIS u Eurodac); Disponibbiltà tas-sit (disponibbiltà tat-TAP imkejjel bit-tagħmir ta' monitoraġġ tal-SLA, bejn it-TAP u sit ta' referenza definit (CU u BCU));</li> <li>Validazzjoni tal-proċeduri operattivi tal-kuntratturi esterni u l-konformità tagħhom ma' dispożizzjonijiet relatati fil-kuntratti;</li> <li>Thejjiġja u implimentazzjoni tal-migrazzjoni tan-netwerk għall-VIS, is-SIS II u l-Eurodac fl-oqsma ta' kompetenzi tal-Aġenzija (il-monitoraġġ, is-sigurtà u l-ġestjoni tar-</li> </ul>	27	Rekwiżiti tal-prestazzjoni maqbula ssodisfati skont l-SLA taħt DEV1 t'hawn fuq.	Iva	It-tim tan-netwerk kompli jiżgura l-funzjonament xieraq tan-netwerks operattivi u ta' ġestjoni u inċidenti/ġestjoni tal-problema relatati man-netwerk matul il-perjodu ta' rapportar.
			28	Il-fornituri tan-netwerk tas-servizz jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sigurtà.	Iva	It-tim tan-netwerk żgura li r-rekwiżiti tas-sigurtà tan-netwerk ġew issodisfati bis-siġħ matul il-perjodu ta' rapportar.
			29	Pjan ta' migrazzjoni implimentat skont l-iskeda maqbula.	Parzjali	Minkejja dewmien fl-innegozjar ta' FWC ġdid l-attivitajiet ta' ppjanar u koordinazzjoni li jikkonċernaw il-migrazzjoni min-netwerk sTesta għan-netwerk TESTA-ng kompli matul l-2014. Fil-qasam tan-netwerks tal-VIS u SIS II, l-eu-LISA wettqet primarjament attivitajiet preparatorji. Fir-rigward tal-Eurodac, l-eu-LISA qed twettaq attivitajiet biex tiżgura tranżizzjoni mingħajr intoppi min-netwerk sTESTA Eurodomain għan-netwerk TESTA-ng Eurodomain.
			30	Mudell tranżizzjonali għaċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet tan-Netwerk implimentat u operattiv u li jkopri l-kompetenzi tal-eu-LISA fl-infrastruttura tal-komunikazzjoni l-ġdida.	Le	Sa mill-aħħar tar-raba' trimestru tal-2014 l-istabbiliment taċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet tan-Netwerk (NOC) baqa' miżmum minħabba dewmien u tibdil fl-approċċ tal-implimentazzjoni ġenerali tal-kuntratt għan-netwerks TESTA-ng, VIS u SIS II.

REF	Objettiv tal-Programm ta' ħidma 2014	Eżiti Mistennija mill-Programm ta' Ħidma 2014	Indikatur #	Indikatur tal-Programm ta' Ħidma 2014	Objettiv Imwettaq (Iva/Le)	Sommarju biex jagħti evidenza tat-tweqqieg jew mitigazzjoni għan-nuqqas ta' tweqqieg:
	<ul style="list-style-type: none"> <li>għdid għas-servizzi WAN;</li> <li>L-istabbiliment ta' Mudell tranżizzjonali għaċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet tan-Netwerk (NOC) biex tiġi żgurata parti "magħluqa" tal-ġestjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni l-għdid;</li> <li>Trasferiment tal-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-VIS mail mill-fornitur tan-netwerk sTESTA għall-eu-LISA.</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur il-għdid tan-netwerk);</li> <li>Thejjiġja u implimentazzjoni tal-Mudell tranżizzjonali għaċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet tan-Netwerk f'konformità mal-bażi legali u li jkopri l-kompetenzi tal-eu-LISA relatati mal-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni (il-monitoraġġ, is-sigurtà u l-ġestjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur il-għdid tan-netwerk);</li> <li>Sistemi operattivi tal-VIS mail ġestiti mill-eu-LISA.</li> </ul>	31	It-trasferiment tas-sistemi VIS Mail sar skont l-iskeda maqbula. Il-ġestjoni operattiva tas-sistemi VIS Mail imwettqa skont l-SLA definit	Parzjali	L-eu-LISA qed taħdem fuq it-trasferiment tal-ġestjoni operattiva tas-sistemi VIS Mail. Fl-2014 sar progress b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tal-infrastruttura tan-netwerk iddedikata għas-sistemi VIS Mail u fl-evalwazzjoni tal-fattibilità tas-sistema ta' monitoraġġ tal-evoluzzjoni tal-VIS.
OPI <sub>3</sub>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Servizz tal-għajnuna</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Inċidenti riżolti</li> <li>Disponibbiltà tas-sistema ta' ġestjoni tas-servizz tal-għajnuna</li> </ul>	32	Livelli tal-prestazzjoni maqbula ssodisfati skont l-SLA taħt DEV1 hawn fuq.	Iva	Matul l-2014, il-helpdesk kompli bl-operazzjonijiet tiegħu 24/7 mingħajr interruzzjonijiet, billi jipprovdi l-ispettru sħiħ tas-servizzi lill-Istati Membri.
			33	Evoluzzjoni tal-funzjonalità tal-ġestjoni tas-servizz tal-għajnuna tal-Aġenzija	Iva	L-operaturi tas-servizz tal-għajnuna pprovdew kopertura 24/7 bl-użu ta' metodu msaħħaħ ta' ppjanar tax-xift sabiex gradwalment jieħdu r-responsabbiltà ta' kompiti mill-amministraturi ta' applikazzjoni. Komplex ukoll bl-involvement tagħhom fil-proġett ta' Infrastruttura Interna u fl-attivitajiet interni tal-helpdesk. Is-servizz tal-għajnuna pprovdha wkoll appoġġ operattiv għall-VISION u Dublinet.
OPI <sub>4</sub>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Monitoraġġ u rfinar tal-prestazzjoni tas-sistema għall-monitoraġġ tal-funzjonament tekniku tas-</li> </ul>	Statistika u informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-sistemi kif previst fil-bażijiet legali	34	Kwalità u puntwalità tal-input għar-rapportar ipprovduti fi żmien l-iskadenzi stipulati.	Iva	Appoġġ kontinwu għas-SIS II, il-VIS u l-Eurodac matul l-2014. Operazzjonijiet ta' kuljum ġestiti kif imbassar, b'mod partikolari l-ġestjoni tal-inċidenti u l-problemi. Ittiegħu azzjonijiet korrettivi kif xieraq biex jinżammu l-

REF	Objettiv tal-Programm ta' ħidma 2014	Eżiti Mistennija mill-Programm ta' Ħidma 2014	Indikatur #	Indikatur tal-Programm ta' Ħidma 2014	Objettiv Imwettaq (Iva/Le)	Sommarju biex jagħti evidenza tat-twertiq jew mitigazzjoni għan-nuqqas ta' twertiq:
	SIS II, il-VIS u l-Eurodac ġestiti minnha u għall-ġbir tad-dejta teknika kollha meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' rapportar, statistika u monitoraġġ tagħha.					livelli speċifiċi ta' servizz u prestazzjoni.
OPI5	<ul style="list-style-type: none"> <li>Il-forniment ta' statistika dwar is-sistemi tal-IT kif inhu stabbilit fir-Regolament bażiku u l-bażijiet legali għas-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Il-forniment puntwali tal-istatistika kollha: statistika dwar is-SIS II; statistika dwar il-VIS; statistika trimestrali, statistika annwali; kompilazzjonijiet dwar ix-xogħol tal-Unità Ċentrali tal-Eurodac u kwalunkwe statistika oħra li tista' tkun meħtieġa dwar il-Eurodac.</li> </ul>	35	Puntwalità tat-twertiq u l-konformità mal-obbligi legali kollha	Iva	L-istatistika kollha ġiet ipprovduta f'konformità mar-rekwiżiti legali rilevanti u huma disponibbli fuq Circa BC. Għadd ta' talbiet għal statistika ad-hoc mill-Kummissjoni kienu wkoll prodotti b'suċċess matul is-sena.
			36	Kwalità u komprensività tar-rapporti ta' statistika.	Iva	Ir-rapporti ta' statistika kollha prodotti f'konformità sħiħa mal-bażi legali rilevanti (fejn japplika) u jissodisfaw il-linji gwida ta' kwalità.
GCO	<ul style="list-style-type: none"> <li>L-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' ppjanar strateġiku tal-Aġenzija</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Strateġija fit-tul għall-Aġenzija mħejjija u aġġornata</li> <li>Pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni tal-arkitettura tal-intrapriża</li> <li>Programm ta' Ħidma Pluriennali</li> </ul>	37	Strateġija għall-Aġenzija adottata mill-Bord ta' Tmexxija	Iva	Dokument ta' strateġija fit-tul għall-Aġenzija 2014-2020 adottat mill-MB f'Marzu 2014
			38	Implimentat pjan direzzjonali korporattiv tal-arkitettura tal-intrapriża	Għadu għaddej	Ippreparat dokument ta' abbozz ta' pjan direzzjonali. Kompitu mdewwem minħabba restrizzjonijiet ta' riżorsi u implimentazzjoni ta' kompiti oħra bi prijorità għolja.
			39	Abbozz ta' programm ta' ħidma pluriennali mħejji	Iva	Programm ta' ħidma pluriennali abbozzat u rivedut mill-Gruppi Konsultattivi u l-MB fil-laqgħa tagħhom ta' Novembru 2014 (li għandu jiġi adottat f'Marzu 2015).
GC1	<ul style="list-style-type: none"> <li>Monitoraġġ tat-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet il-ġodda rilevanti għall-ġestjoni operattiva u l-evoluzzjoni tas-SIS II, il-VIS, l-Eurodac u sistemi tal-IT oħrajn fuq</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Rapporti ta' monitoraġġ regolari dwar it-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet il-ġodda</li> <li>Komunikazzjoni regolari lill-persunal u lill-partijiet interessati tal-Aġenzija</li> </ul>	40	Teknoloġiji/soluzzjonijiet ġodda identifikati u evalwati matul ir-rapportar regolari	Iva	Abbozzat pjan direzzjonali għar-R&Ż; stabbiliment ta' kumitat għar-riċerka interna; ippreżentati d-dokumenti għall-istrateġija tar-R&Ż lill-MB u lill-Gruppi Konsultattivi; dewmien fl-approvazzjoni tal-MB għall-istrateġija tar-R&Ż u fir-rilaxx tar-rapport biennali (bijometrija u teknoloġiji għall-kontroll tal-fruntieri). L-approvazzjoni għall-istrateġija finali hija antiċipata għall-



REF	Objettiv tal-Programm ta' ħidma 2014	Eżiti Mistennija mill-Programm ta' Ħidma 2014	Indikatur #	Indikatur tal-Programm ta' Ħidma 2014	Objettiv Imwettaq (Iva/Le)	Sommarju biex jagħti evidenza tat-twertiq jew mitigazzjoni għan-nuqqas ta' twertiq:
	<ul style="list-style-type: none"> <li>skala kbira.</li> <li>Notifiki lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta fuq bażi regolari</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Appoġġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-ippjanar strateġiku</li> </ul>				bidu tal-2015.
			41	Proposti għal teknoloġiji/soluzzjonijiet imressqa lill-amministraturi tal-Aġenzija	Parzjali	Espansjoni kontinwa ta' għodod onlajn għall-monitoraġġ tat-teknoloġija permezz ta' riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni; stabbiliment ta' libreriya (kotba u perjodiċi) inklużi materjali li jiffoka fuq suġġetti ta' prijorità għar-R&Ż; organizzazzjoni ta' avveniment roundtable dwar l-industrija u konferenza dwar il-Fruntieri Intelliġenti.
GC2	<ul style="list-style-type: none"> <li>Adozzjoni tar-Rapport ta' Attività Annwali għall-Aġenzija għall-2013 u sottomissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Abbozz ta' rapport dwar l-Attività Annwali</li> </ul>	42	Kwalità u puntwalità (15 ta' Ġunju 2014)	Iva	Rapport ta' Attività Annwali għall-2014 adottat u mibgħut lill-Kummissjoni, lill-Parlament u lill-Kunsill sal-15 ta' Ġunju 2014
			43	Rapport adottat mill-Bord ta' Tmexxija	Iva	Rapport ta' Attività Annwali għall-2013 adottat mill-MB f'Marzu 2014
GC3	<ul style="list-style-type: none"> <li>Kooperazzjoni bejn l-aġenziji</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Pjanijiet ta' azzjoni mwettqa skont il-MtQ iffirmit</li> <li>Riżultati/eżiti miksuba minn inizjattivi konġunti</li> </ul>	44	Azzjonijiet kif deskritt fil-pjanijiet ta' kooperazzjoni mwettqa kif miftiehem	Iva	Sa issa ġie ffirmat pjan ta' kooperazzjoni wieħed (mal-FRONTEx) Kooperazzjoni kontinwa fl-oqsma ta' interess komuni bejn l-eu-LISA u l-Europol, CEPOL, I-EASO, I-ECHA, il-FRA u l-UASI. L-eu-LISA kompliet ukoll tipparteċipa fil-laqqgħat u l-inizjattivi tal-Grupp Konsultattiv tal-Aġenziji tal-ĠAI matul is-sena.
			45	Sodisfazzjon mill-partijiet interessati	Iva	L-istrateġija għall-ġestjoni tal-partijiet interessati ġiet approvata mill-Kumitat tat-Tmexxija tal-eu-LISA. L-istħarriġ għall-partijiet interessati interni u esterni ġew ikkometati fl-2014 għall-2013.
GC4	<ul style="list-style-type: none"> <li>Iż-żamma u l-iżvilupp tal-qafas għall-għoti ta' parir</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Pariri legali għat-teħid ta' deċiżjonijiet interni</li> </ul>	46	Puntwalità u kwalità tal-parir ipprovdut	Iva	Forniment ta' pariri fl-iskadenzi stabbiliti. Il-kwalità tas-servizzi ġiet evalwata bħala tajba minn għadd ta' partijiet interessati matul il-perjodu ta' rapportar.

REF	Objettiv tal-Programm ta' ħidma 2014	Eżiti Mistennija mill-Programm ta' Ħidma 2014	Indikatur #	Indikatur tal-Programm ta' Ħidma 2014	Objettiv Imwettaq (Iva/Le)	Sommarju biex jagħti evidenza tat-twettiq jew mitigazzjoni għan-nuqqas ta' twettiq:
	legali fejn meħtieġ għall-operazzjonijiet interni tal-Aġenzija u sabiex tiġi difiża l-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-estern kif meħtieġ	<ul style="list-style-type: none"> <li>Parir legali fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Aġenzija fi kwalunkwe tilwima possibbli</li> </ul>	47	Għadd ta' deċiżjonijiet interni u esterni kkontestati	Iva	L-ebda deċiżjonijiet ma ġew ikkontestati matul il-perjodu ta' rapportar.
GC5	<ul style="list-style-type: none"> <li>Biex jiġu promossi l-missjoni, il-viżjoni u l-valuri ewlenin tal-Aġenzija bħala protagonisti għall-iżvilupp ta' kultura korporattiva tal-Aġenzija.</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Sit tal-intranet u għodod kollaborattivi mfassla għall-Persunal tal-Aġenzija</li> <li>Attivitajiet u avvenimenti informali ta' sensibilizzazzjoni</li> <li>Attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-prijorità tal-kisba ta' għanijiet strateġiċi u objettivi operattivi tal-Aġenzija</li> <li>Pjan ta' komunikazzjoni interna</li> </ul>	48	Aġġornamenti regolari dwar il-progress bl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma u l-progress strateġiku	Iva	Rapporti ta' implimentazzjoni trimestrali għall-programm ta' ħidma tal-2014 tal-Aġenzija ppreparat u mibgħut lill-MB għar-reviżjoni fi żmien skadenza stipulata.
			49	Twettiq ta' attivitajiet interni ta' sensibilizzazzjoni għall-persunal kull xahar dwar attivitajiet tal-Aġenzija	Iva	Għadd ta' sessjonijiet saru matul l-2014 biex tiżdied il-kuxjenza tal-persunal mhux operattivi tal-Aġenzija fir-rigward tal-ħtiġijiet kummerċjali tas-sistemi.
			50	Riżultati pożittivi mill-istħarriġ annwali tal-persunal	Għadu għaddej	Ir-riżultati tal-Istħarriġ dwar is-Sodisfazzjon tal-Persunal tal-Aġenzija għall-2014 se jkun disponibbli fl-ewwel trimestru tal-2015
			51	Pjan ta' komunikazzjoni interna mwettaq kif maqbul	Parzjali	Pjanijiet ta' komunikazzjoni interna mwettaq iżda minħabba r-riżenja tal-Uffiċjal għall-komunikazzjoni interna fit-tieni trimestru, il-kariga ġiet alllokata mill-ġdid sabiex jimtela n-nuqqas ta' riżorsa f'qasam kummerċjali ieħor.
			52	Livell ta' sodisfazzjon tal-persunal tal-Aġenzija	Għadu għaddej	Ir-riżultati tal-Istħarriġ dwar is-Sodisfazzjon tal-Persunal tal-Aġenzija għall-2014 se jkun disponibbli fl-ewwel trimestru tal-2015
GC6	<ul style="list-style-type: none"> <li>Biex tiġi promossa l-Aġenzija u s-sistemi li tħaddem u biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-komunikazzjoni stabbiliti fir-Regolament bażiku u l-bażijiet legali tas-sistemi</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Aġġornamenti regolari lill-websajt tal-Aġenzija u ottimizazzjoni tal-viżibilità tagħha.</li> <li>L-iżvilupp ta' netwerk ta' kuntatti tal-midja, il-bini ta' relazzjonijiet sodi ma' dawn</li> </ul>	53	Pjan ta' komunikazzjoni esterna implimentat kif ipplanat.	Iva	Pjan ta' attività ta' komunikazzjoni esterna għall-2014 ikkometat u r-riżultati kollha li hemm fih ġew issodisfatti kif skedat.
			54	Żieda progressiva fl-għadd ta' nies li żaru l-websajt tal-Aġenzija matul is-sena	Iva	Il-websajt esterna tal-Aġenzija ġiet immedja fil-bidu ta' Lulju 2014. Sa mit-tnedija, il-websajt rat żieda ta' medja ta' 12 % fil-viżitaturi li żaruha xahar fuq xahar, b'medja ta' 1566 viżitatur uniku kull xahar.

REF	Objettiv tal-Programm ta' ħidma 2014	Eżiti Mistennija mill-Programm ta' Ħidma 2014	Indikatur #	Indikatur tal-Programm ta' Ħidma 2014	Objettiv Imwettaq (Iva/Le)	Sommarju biex jagħti evidenza tat-twertiq jew mitigazzjoni għan-nuqqas ta' twettiq:
